SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

26 ta' Frar 2026 *

"Appell – Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru – Koordinazzjoni tal-elementi tal-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru (sovrataxxa tal-fjuwil, sovrataxxa tas-sigurtà u rifjut li jitħallsu kummissjonijiet fuq is-sovrataxxi) – Servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound – Kompetenza territorjali tal-Kummissjoni – Effetti kkwalifikati – Ksur uniku u kontinwu – Regolament (KE) Nru 1/2003 – Artikolu 25 – Preskrizzjoni tas-setgħat ta' sanzjoni tal-Kummissjoni – Motiv ibbażat fuq il-preskrizzjoni – Natura ta' ordni pubbliku"

Fil-Kawża C-367/22 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fis-7 ta' Ġunju 2022,

Air Canada, stabbilita fi Saint-Laurent (Il-Kanada), irrappreżentata minn I.-Z. Prodromou-Stamoudi, dikigoros, u T. Soames, avocat,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn P. Caro de Sousa u A. Dawes, bħala aġenti, assistiti minn G. Peretz, BL,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn I. Jarukaitis (Relatur), President tar-Raba' Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Ħames Awla, E. Regan u D. Gratsias, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: R. Stefanova-Kamisheva, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' April 2024,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Air Canada qiegħda titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Marzu 2022, Air Canada vs Il-Kummissjoni (T-326/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:177), li permezz tagħha l-imsemmija qorti ċaħdet parzjalment ir-rikors tagħha intiż biex tiġi annullata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2017) 1742 final tas-17 ta' Marzu 2017 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE], l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru (Każ AT.39258 – Trasport tal-merkanzija bl-ajru) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kontenzjuża"), sa fejn tikkonċernaha u għat-tħassir tal-multa li ġiet imposta fuqha minn din id-deċiżjoni jew għat-tnaqqis tal-ammont tagħha.

Il-kuntest ġuridiku

Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera

2 Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ġunju 1999 u approvat f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim[iet] mal-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 41, p. 89, rettifika fil-ĠU 2015, L 210, p. 38) (iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002. L-Artikoli 8 u 9 ta' dan il-ftehim jikkorrispondu, *mutatis mutandis*, għall-Artikoli 101 u 102 TFUE, rispettivament.

3 Skont l-Artikolu 11 tal-imsemmi ftehim:

"1. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 8 u 9 għandhom jiġu applikati […] mill-istituzzjonijiet Komunitarji skond il-leġislazzjoni Komunitarja hekk kif iddikjarata fl-Anness ta' dan il-Ftehim, waqt li tingħata kull konsiderazzjoni lill-bżonn ta' koperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet Komunitarji u l-awtoritajiet Svizzeri.

2. L-awtoritajiet Svizzeri għandhom jiddeċiedu, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 8 u 9, dwar l-ammissibilità ta' kull ftehim, deċiżjoni u prattika […] li jolqtu rotot bejn l-Isvizzera u pajjiżi terzi."

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) sar applikabbli taħt l-istess ftehim, b'effett mill-5 ta' Diċembru 2007, permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2007 tal-Kumitat konġunt Komunità/Żvizzera għat-Trasport bl-Ajru stabbiliti mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru tal-5 ta' Diċembru 2007, li tissostitwixxi l-Anness għall-Ftehim

bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru (ĠU 2008, L 34, p. 19). F'din id-data, huwa ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87 tal-14 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni tar-Regoli dwar il-kompetizzjoni għall-impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 262), li kien jinsab fl-Anness tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

It-Trattat FUE

5 L-Artikolu 101(1) TFUE jipprovdi:

"Is-segwenti għandhom ikunu inkompatibbli mas-suq intern u għandhom ikunu projbiti: l-akkordji kollha bejn impriżi, id-deċiżjonijiet kollha ta' deċiżjonijiet assoċjazzjonijiet bejn impriżi u l-prattiċi kollha miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala għan jew riżultat tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, partikolarment dawk li jinvolvu:

a) l-iffissar dirett jew indirett tal-prezzijiet ta' l-akkwist jew tal-bejgħ, jew ta' kondizzjonijiet oħra tan-negozju,

b) il-limitazzjoni jew kontroll tal-produzzjoni, tas-swieq, ta' l-iżvilupp tekniku jew ta' l-investiment,

c) it-taqsim tas-swieq jew it-taqsim ta' fonti ta' provvista,

[…]"

Il-Ftehim ŻEE

6 L-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE") jikkorrispondi, *mutatis mutandis*, għall-Artikolu 101 TFUE.

7 Ir-Regolament Nru 1/2003, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 411/2004 tas-26 ta' Frar 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 17), ġie integrat fil-Ftehim ŻEE permezz, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 130/2004 tal-24 ta' Settembru 2004 li temenda l-Anness XIV (Kompetizzjoni), il-Protokoll 21 (dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni li japplikaw għall-impriżi) u l-Protokoll 23 (dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza) tal-Ftehim ŻEE (ĠU 2005, L 64, p. 57), li daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Mejju 2005, kif ukoll, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 40/2005 tal-11 ta' Marzu 2005 li temenda l-Anness XIII (Trasport) u l-Protokoll 21 (dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni li japplikaw għall-impriżi) tal-Ftehim ŻEE (ĠU 2005, L 198, p. 38), li daħlet fis-seħħ fl-istess jum.

Ir-Regolament Nru 1/2003

8 L-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprovdi:

"Fejn il-Kummissjoni, taggixxi fuq ilment jew fuq l-inizjattiva proprja tagħha, issib li hemm ksur ta' l-Artikolu [101] jew ta' l-Artikolu [102 TFUE], tista' b'deċiżjoni tirrikjedi l-impriża u l-assoċjazzjoni tal-impriża konċernata li itemm dan il-ksur. Għal dan il-għan, tista' timponi fuqhom kwalunkwe rimedju komportamentali jew strutturali li huma proporzjonali għall-ksur kommess u neċessarju biex iġib fit-temm dan il-ksur. Rimedji strutturali jistgħu jiġu imposti biss jekk ma jkunx hemm rimedju ta' komportamentali li hu effettiv ugwalment jew jekk ir-rimedju komportamentali li hu effettiv ugwalment ikun ta' aktar piż għal l-impriża kunċernata min rimedju strutturali. Jekk il-Kummissjoni għandha interessi legitimi li tagħmel hekk, hi tista issib li kien hemm xi ksur li sar fil-passat." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9 L-Artikolu 23 ta' dan ir-regolament, intitolat "Pieni", jipprevedi, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

"2. Il-Kummissjoni tista' b'deċiżjoni timponi multi fuq l-impriża u l-assoċjazzjoni tal-impriża meta, jew b'intenżjoni jew b'negligenza:

a) jiksru l-Artikolu [101 jew 102 TFUE]; […]

[…]

Għal kull impriża u assoċjazzjoni ta' l-impriża li qed jipparteċipaw fil-ksur, il-multi mhux ser jaqbżu l-10 % tat-total ta' valur tal-bejgħ fis-sena kmmerċjali preċedenti.

[…]

3. Fit-twaħħil ta' l-ammont li jrid jiġi mmultat, rigward irrid jingħata lejn il-gravità u it-tul tal-ksur."

10 Skont l-Artikolu 25 tal-imsemmi regolament:

"1. Il-poteri konferuti fuq il-Kummissjoni mil-Artikolu 23 u 24 ħa jkun suġġett għal perjodi ta' preskrizzjoni li ġejjin:

a) tlett snin fil-każ ta' ksur ta' disposizzjonijiet li jikkonċernaw it-talba ta' informazzjoni jew il-kondotta ta' spezzjonijiet;

b) ħames snin fil-każ ta' kwalunkwe ksur ieħor.

2. It-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-ġurnata li fiha sar il-ksur. Madankollu, fil-każ li l-ksur ikun kontinwu jew ripetut, il-ħin jibda jiddekorri mill-ġurnata ta' meta il-ksur intemm.

3. Kwalunkwe azzjoni meħuda mil-Kummissjoni jew mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri għall-għan ta' l-investigazzjonijiet jew proċeduri b'rispett ta' ksur tinterrompi t-terminu tal-preskrizzjoni għall-imposizzjoni ta' multi jew perjodu ta' pagamenti tal-pieni. Il-perjodu ta'

limitazzjoni għandu jiġi interrott b'effett mid-data li fiha l-azzjoni tiġi nnotifikata lil mill-inqas impriża jew assoċazzjoni ta' impriżi waħda li jkunu pparteċipaw fil-ksur. Azzjonijiet li jinterrompu d-dekorrenza tal-perjodu għandhom jinkludu partikolarment is-segwenti:

a) talba bil-miktub għal informazzjoni mil-Kummissjoni jew mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istat Membru;

b) awtorizzazzjoni bil-miktub biex jagħmlu xi spezzjonijiet maħruġa lill-uffiċjali tal-Kummissjoni jew l-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istat Membru;

ċ) il-bidu tal-proċeduri mil-Kummissjoni jew mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istat Membru;

d) notifika tad-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni jew ta' l-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istat Membru.

4. L-interuzzjoni tal-preskrizzjoni ser tapplika għall-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet ta' l-impriżi kollha li pparteċipaw fil-ksur.

5. Kull interruzzjoni tagħmel li ż-żmien jibda jiddekorri mill-ġdid. Madankollu, il-perjodu tal-preskrizzjoni jagħlaq ma l-aħħar ġurnata li jkun ugwali għad-dopju tal-perjodu tal-preskrizzjoni jkun għadda mingħajr ma l-Kummissjoni ma tkun imponiet xi multa jew pagamenti ta' pieni perjodiċi. Dak il-perjodu għandu jiġi mtawwal mal-perjodu li fih il-preskrizzjoni tkun sospiża skond tl-paragrafu 6.

6. Il-limitu tal-preskrizzjoni applikabbli għall-imposizzjoni ta' multi jew ħlas ta' penali ser jiġi sospiż sa kemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun is-suġġett ta' proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja."

11 L-Artikolu 32(ċ) tal-istess regolament kien jipprevedi li dan ir-regolament ma kienx japplika għal "trasport bl-ajru bejn ajrupoprti tal-Komunità u terzi pajjiżi".

12 Din id-dispożizzjoni tħassret, b'effett mill-1 ta' Mejju 2004, permezz tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 411/2004.

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-Deċiżjoni kontenzjuża

13 Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-Deċiżjoni kontenzjuża, kif tfissru fil-punti 1 sa 60 tas-sentenza appellata, jistgħu, għall-finijiet ta' din il-proċedura, jinġabru bil-mod kif ġej.

14 Air Canada hija kumpannija tat-trasport bl-ajru li topera fis-suq tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru.

15 Fis-settur tat-trasport tal-merkanzija, kumpanniji tal-ajru jiżguraw it-trasport tal-merkanzija bl-ajru (iktar 'il quddiem it-"trasportaturi"). Bħala regola ġenerali, it-trasportaturi jipprovdu servizzi ta' trasport tal-merkanzija lill-burdnara, li jieħdu ħsieb it-trasport ta' din il-merkanzija f'isem l-ispedituri. Bħala korrispettiv, dawn il-burdnara jħallsu lit-trasportaturi prezz li huwa magħmul minn tariffi kkalkolati għal kull kilogramma u wkoll minn diversi sovrataxxi.

Il-proċedura amministrattiva

16 Fis-7 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni rċeviet, taħt l-Avviż tagħha dwar l-immunità minn multi u it-tnaqqis fl-ammont tagħha f'każijiet ta' akkordji (ĠU 2002, C 45, p. 3), applikazzjoni għal immunità ppreżentata minn Deutsche Lufthansa AG u minn tnejn mis-sussidjarji tagħha, Lufthansa Cargo AG u Swiss International Air Lines AG. Skont din l-applikazzjoni, kienu jeżistu kuntatti antikompetittivi bejn diversi trasportaturi, li kienu jikkonċernaw elementi tal-prezz tas-servizzi pprovduti fis-suq tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru, jiġifieri l-introduzzjoni ta' sovrataxxi tal-"fjuwil" u tas-"sigurtà", kif ukoll ir-rifjut ta' dawn it-trasportaturi li jħallsu lill-burdnara kummissjoni fuq is-sovrataxxi (iktar 'il quddiem, rispettivament, is-"sovrataxxa tal-fjuwil", is-"sovrataxxa tas-sigurtà" u r-"rifjut li jitħallsu kummissjonijiet").

17 Fl-14 u fil-15 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni għamlet spezzjonijiet għal għarrieda fil-bini ta' diversi trasportaturi.

18 Wara dawn l-ispezzjonijiet, diversi trasportaturi, fosthom Air Canada, ippreżentaw applikazzjoni għal immunità taħt l-Avviż dwar l-immunità minn multi u t-tnaqqis fl-ammont tagħhom f'każijiet ta' akkordji, imsemmi fil-punt 16 ta' din is-sentenza.

19 Fid-19 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lil 27 trasportatur, fosthom Air Canada, li sussegwentement ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Saret seduta mit-30 ta' Ġunju sal-4 ta' Lulju 2008.

Id-Deċiżjoni inizjali

20 Fid-9 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2010) 7694 final li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 [TFUE], l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ C.39258 – Trasport ta' merkanzija bl-ajru) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni inizjali"). Din id-deċiżjoni kellha bħala destinatarji 21 trasportatur, fosthom Air Canada, li fir-rigward tagħha madankollu ma ġie kkonstatat ebda ksur fir-rigward tat-trasport bl-ajru bejn ajruporti fi ħdan l-Unjoni Ewropea u fir-rigward tat-trasport bl-ajru fuq ir-rotot bejn ajruporti fl-Unjoni u ajruporti Svizzeri (iktar 'il quddiem ir-"rotot Unjoni-Svizzera").

21 L-imsemmija deċiżjoni spjegat, fil-motivi tagħha, li t-trasportaturi inkriminati kienu kkoordinaw l-aġir tagħhom fir-rigward tat-tarifikazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija, billi ftehmu fuq is-sovrataxxa tal-fjuwil u fuq is-sovrataxxa tas-sigurtà u rrifjutaw li jħallsu kummissjonijiet, u kienu, b'dan il-mod, ipparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, li jkopri t-territorju taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u tal-Isvizzera.

Is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2015

22 Permezz ta' sentenza tas-16 ta' Diċembru 2015, Air Canada vs Il-Kummissjoni (T-9/11, EU:T:2015:994), il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni inizjali sa fejn din kienet tikkonċerna lil Air Canada. Permezz ta' tnax-il sentenza oħra mogħtija dakinhar stess, il-Qorti Ġenerali annullat ukoll, kompletament jew parzjalment, din id-deċiżjoni sa fejn din kienet tikkonċerna tnax-il trasportatur ieħor jew gruppi ta' trasportaturi oħra.

23 Il-Qorti Ġenerali qieset li l-imsemmija deċiżjoni kienet ivvizzjata b'difett ta' motivazzjoni.

Id-Deċiżjoni kontenzjuża

24 Fl-20 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni bagħtet lit-trasportaturi msemmija fid-Deċiżjoni inizjali u li ppreżentaw rikors kontra din tal-aħħar quddiem il-Qorti Ġenerali ittra li tinformahom bl-intenzjoni tagħha li tadotta mill-ġdid deċiżjoni li tikkonstata li huma kienu pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar l-Ajru KE-Svizzera fir-rotot kollha msemmija f'din id-deċiżjoni inizjali. Huma ngħatalhom terminu ta' xahar sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Kollha ħadu l-opportunità li jagħmlu dan

25 Fis-17 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni kontenzjuża, li hija indirizzata lil 19-il trasportatur, fosthom Air Canada.

26 Id-Deċiżjoni kontenzjuża tispjega li t-trasportaturi inkriminati kkoordinaw l-aġir tagħhom fir-rigward tat-tarifikazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija madwar id-dinja permezz tas-sovrataxxa tal-fjuwil, tas-sovrataxxa tas-sigurtà u tar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet (iktar 'il quddiem l-"akkordju kontenzjuż"), u b'hekk wettqu ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar l-Ajru KE-Svizzera.

27 Fit-Taqsima 4 ta' din id-deċiżjoni, intitolata "Deskrizzjoni tal-fatti" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni indikat, b'mod partikolari, li l-investigazzjoni kienet żvelat akkordju fuq skala globali b'network ta' kuntatti bilaterali u multilaterali tul perijodu twil ta' żmien bejn il-kompetituri, li kien jikkonċerna l-aġir li huma kienu ddeċidew, ipprevedew jew għamlu l-ħsieb li jadottaw b'rabta mal-varji elementi tal-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija msemmija fil-punt ta' qabel. Hija enfasizzat li dan in-network ta' kuntatti kellu l-għan komuni li jikkoordina l-aġir tal-kompetituri fir-rigward tat-tarifikazzjoni jew li jnaqqas l-inċertezza sa fejn għandha x'taqsam il-politika ta' pprezzar tagħhom. Hija mbagħad iddeskriviet il-kuntatti li jikkonċernaw, rispettivament, is-sovrataxxa tal-fjuwil, is-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, u evalwat il-provi fattwali li jikkonċernaw, minn naħa, l-akkordju kontenzjuż kollu kemm hu u, min-naħa l-oħra, kull wieħed mid-destinatarji tal-imsemmija deċiżjoni.

28 Fit-Taqsima 5 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, intitolata "Applikazzjoni tar-regoli rilevanti tal-kompetizzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 101 TFUE għall-fatti tal-każ u ppreċiżat li r-riferimenti għal dan l-artikolu kellhom jinftiehmu wkoll bħala riferimenti għall-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u għall-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, peress li, sakemm ma jkunx previst mod ieħor, dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis*.

29 F'dan ir-rigward, sa fejn għandha x'taqsam il-kompetenza tagħha, il-Kummissjoni eżaminat il-limiti tal-kompetenza *ratione temporis* u territorjali tagħha sabiex tikkonstata u tissanzjona ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni f'dan il-każ.

30 Minn naħa, fil-premessi 822 sa 832 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li jagħmlu s-Sottotaqsima 5.2 ta' din id-deċiżjoni, intitolata "Kompetenza tal-Kummissjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali], hija rrilevat, essenzjalment, li hija ma kinitx ser tapplika, l-ewwel nett, l-Artikolu 101 TFUE għall-akkordji u għall-prattiki li saru qabel l-1 ta' Mejju 2004 li għandhom x'jaqsmu mar-rotot bejn ajruporti fl-Unjoni Ewropea u ajruporti barra ż-ŻEE (iktar 'il quddiem ir-"rotot Unjoni-pajjiżi

terzi"), it-tieni nett, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-akkordji u għall-prattiki li saru qabel id-19 ta' Mejju 2005 li għandhom x'jaqsmu mar-rotot Unjoni-pajjiżi terzi u r-rotot bejn ajruporti f'pajjiżi li huma partijiet kontraenti fil-Ftehim ŻEE u li ma humiex membri tal-Unjoni u ajruporti f'pajjiżi terzi (iktar 'il quddiem ir-"rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi") u, fl-aħħar nett, l-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera għall-akkordji u għall-prattiki li saru qabel l-1 ta' Ġunju 2002 li għandhom x'jaqsmu mar-rotot Unjoni-Svizzera. Hija ppreċiżat, fil-premessa 832 tal-imsemmija deċiżjoni, li l-istess deċiżjoni ma kellhiex "l-iskop li tirrileva kwalunkwe ksur tal-Artikolu 8 tal-Ftehim [dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera] fir-rigward tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija [bejn] l-Isvizzera [u] pajjiżi terzi" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

31 Min-naħa l-oħra, fil-premessi 1036 sa 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li jagħmlu s-Sottotaqsima 5.3.8 ta' din id-deċiżjoni, intitolata "[A]pplikabbiltà tal-Artikolu 101 [TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għar-rotot inbound" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni spjegat ir-raġunijiet għaliex hija ċaħdet l-argumenti ta' diversi trasportaturi inkriminati li hija marret lil hinn mil-limiti tal-kompetenza territorjali tagħha fid-dawl tar-regoli tad-dritt internazzjonali pubbliku billi kkonstatat u ssanzjonat ksur ta' dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet dwar ir-rotot li jitilqu minn pajjiżi terzi u li sejrin iż-ŻEE (iktar 'il quddiem ir-"rotot inbound" u, sa fejn għandhom x'jaqsmu s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija offruti f'dawn ir-rotot, is-"servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound").

32 B'mod partikolari, fil-premessa 1045 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li l-prattiki antikompetittivi sa fejn kellhom x'jaqsmu s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound "setgħu jkollhom effetti immedjati, sostanzjali u prevedibbli fl-Unjoni u fiż-ŻEE, peress li ż-żieda fl-ispejjeż tat-trasport bl-ajru lejn iż-ŻEE u għalhekk il-prezzijiet ogħla tal-merkanzija importata jistgħu, min-natura tagħhom, ikollhom effetti fuq il-konsumaturi fiż-ŻEE" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Hija żiedet tgħid li, f'dan il-każ, dawn il-prattiki setgħu jkollhom tali effetti wkoll fuq il-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru minn trasportaturi oħra fiż-ŻEE, bejn iċ-ċentri ("hubs") fiż-ŻEE użati mit-trasportaturi ta' pajjiżi terzi u l-ajruporti ta' destinazzjoni ta' dawn il-kunsinni fiż-ŻEE li t-trasportatur tal-pajjiż terz ma joperax minnhom.

33 Barra minn hekk, fil-premessa 1046 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li l-akkordju kontenzjuż kien ġie "implimentat globalment", li l-arranġamenti li jikkonċernaw ir-rotot inbound kienu jagħmlu parti integrali mill-ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, u li l-applikazzjoni uniformi tas-sovrataxxi fuq livell globali kienet element ewlieni ta' dan l-akkordju.

34 Is-Sottotaqsima 5.3 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li tirrigwarda l-applikazzjoni f'dan il-każ tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, tinkludi l-premessi 833 sa 1052 tagħha. L-ewwel nett, fil-premessa 846 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li t-trasportaturi inkriminati kienu kkoordinaw l-aġir tagħhom jew influwenzaw it-tarifikazzjoni, u dan kien "finalment jammonta għal iffissar tal-prezzijiet b'rabta" [traduzzjoni mhux uffiċjali] mas-sovrataxxa tal-fjuwil, mas-sovrataxxa tas-sigurtà u mal-ħlas ta' kummissjoni lill-burdnara fuq is-sovrataxxi. Fil-premessa 861 tal-imsemmija deċiżjoni, hija kkunsidrat li s-"sistema ġenerali ta' koordinazzjoni tal-aġir fejn tidħol it-tarifikazzjoni tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija" li kixfet l-investigazzjoni tagħha kienet tixhed l-eżistenza ta' "ksur kumpless li jikkonsisti f'diversi azzjonijiet li [setgħu] jiġu kklassifikati jew bħala ftehim jew bħala prattika miftiehma li fil-kuntest tagħhom il-kompetituri [kienu] bi ħsieb issostitwixxew il-kooperazzjoni prattika bejniethom bir-riskji tal-kompetizzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

35 It-tieni nett, fil-premessa 869 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni qieset li l-"aġir inkwistjoni [kien] jikkostitwixxi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 [TFUE]" u ppreċiżat, fil-premessi 870 sa 902 tagħha, li l-arranġamenti inkwistjoni kienu jfittxu li jilħqu għan antikompetittiv uniku, jiġifieri li tiġi ostakolata l-kompetizzjoni fis-settur tat-trasport tal-merkanzija fi ħdan iż-ŻEE, li kienu jirrigwardaw il-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija u t-tarifikazzjoni tagħhom, li kienu jikkonċernaw l-istess impriżi, kienu uniċi u kontinwi u li kienu jirrigwardaw tliet elementi, jiġifieri s-sovrataxxa tal-fjuwil, is-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet.

36 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni indikat, fil-premessa 882 ta' din id-deċiżjoni, li Air Canada kienet involuta fi tnejn mit-tliet elementi tal-ksur, jiġifieri s-sovrataxxa tal-fjuwil u s-sovrataxxa tas-sigurtà. F'din il-premessa, hija żiedet li Air Canada, fid-dawl ta' dan l-involviment, setgħet madankollu "raġonevolment tipprevedi skambji" bejn il-partijiet dwar il-ħlas ta' kummissjoni fuq is-sovrataxxi u kienet lesta li tiżgura r-riskju tiegħu, u li kienu jeżistu wkoll provi li hija kienet taf bid-diskussjonijiet dwar il-ħlas ta' kummissjonijiet fuq is-sovrataxxi.

37 It-tielet nett, fil-premessa 903 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li l-aġir antikompettiv inkwistjoni kellu l-għan li jillimita l-kompetizzjoni tal-inqas fl-Unjoni, fiż-ŻEE u fl-Isvizzera. Fil-premessa 917 ta' din tal-aħħar, hija essenzjalment żiedet tgħid li ma kienx meħtieġ, għaldaqstant, li tieħu inkunsiderazzjoni l-"effetti konkreti" ta' dan l-aġir.

38 Ir-raba' nett, fil-premessi 972 sa 1021 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni ta' seba' pajjiżi terzi li diversi trasportaturi inkriminati sostnew li kienet ġiegħlithom jiftiehmu bejniethom dwar is-sovrataxxi u b'hekk fixklet l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni rilevanti. Il-Kummissjoni kkunsidrat li dawn it-trasportaturi ma kienu ġabu ebda prova li l-imsemmija pajjiżi terzi kienu ġiegħluhom jaġixxu b'dan il-mod.

39 Il-ħames nett, fil-premessi 1024 sa 1035 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li l-ksur uniku u kontinwu seta' jaffettwa b'mod sinjifikattiv il-kummerċ bejn l-Istati Membri, bejn il-partijiet kontraenti fil-Ftehim ŻEE u bejn il-partijiet kontraenti fil-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera.

40 It-Taqsima 7 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, intitolata "Tul tal-ksur" [traduzzjoni mhux uffiċjali], tinkludi l-premessi 1146 sa 1169 ta' din id-deċiżjoni. Kif jirriżulta mill-premessa 1146 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-akkordju kontenzjuż kien beda fis-7 ta' Diċembru 1999 u dam sal-14 ta' Frar 2006. F'din il-premessa 1146, hija ppreċiżat li dan l-akkordju kien kiser:

– l-Artikolu 101 TFUE, mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru bejn ajruporti fl-Unjoni;

– l-Artikolu 101 TFUE, mill-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru fir-rotot Unjoni-pajjiżi terzi;

– l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru bejn ajruporti fiż-ŻEE (iktar 'il quddiem ir-"rotot fiż-ŻEE");

– l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, mid-19 ta' Mejju 2005 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru fir-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi;

– l-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, mill-1 ta' Ġunju 2002 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru fir-rotot Unjoni-Svizzera.

41 Fil-premessa 1169 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li t-tul tal-ksur kien, sa fejn kellha x'taqsam Air Canada, mill-21 ta' Settembru 2000 sal-14 ta' Frar 2006.

42 Fit-Taqsima 8 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri korrettivi li kellhom jittieħdu u l-multi li kellhom jiġu imposti fid-dawl tal-Linji Gwida dwar il-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2).

43 L-Artikoli 1, 3 u 4 tad-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża huma fformulati kif ġej:

"Artikolu 1

Billi kkoordinaw l-aġir tagħhom fir-rigward tat-tarifikazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija madwar id-dinja sa fejn għandhom x'jaqsmu s-sovrataxxa tal-fjuwil, is-[sovrataxxa tas-sigurtà] u l-ħlas ta' kummissjoni fuq is-sovrataxxi, l-impriżi li ġejjin ikkommettew il-ksur uniku u kontinwu li ġej tal-Artikolu 101 [TFUE], tal-Artikolu 53 tal-[Ftehim ŻEE] u tal-Artikolu 8 tal-[Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera] sa fejn għandhom x'jaqsmu ir-rotot li ġejjin u matul il-perijodi li ġejjin.

1) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sa fejn għandhom x'jaqsmu r-[rotot fiż-ŻEE], matul il-perijodi li ġejjin:
   a) Air Canada, mill-21 ta' Settembru 2000 sal-14 ta' Frar 2006;

      […]

2) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 101 [TFUE] sa fejn għandhom x'jaqsmu r-rotot [Unjoni-pajjiżi terzi], matul il-perijodi li ġejjin:
   a) Air Canada, mill-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Frar 2006;

      […]

3) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sa fejn għandhom x'jaqsmu r-rotot [ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi], matul il-perijodi li ġejjin:
   a) Air Canada, mid-19 ta' Mejju 2005 sal-14 ta' Frar 2006;

      […]

4) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 8 tal-[Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera] sa fejn għandhom x'jaqsmu r-rotot [Unjoni-Svizzera], matul il-perijodi li ġejjin:
   a) Air Canada, mill-1 ta' Ġunju 2002 sal-14 ta' Frar 2006;

      […]

Artikolu 3

Għall-ksur uniku u kontinwu msemmi fl-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni, huma imposti l-multi li ġejjin […]:

a) Air Canada [EUR] 21 037 500;

[…]

Artikolu 4

L-impriżi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom immedjatament itemmu l-ksur uniku u kontinwu msemmi f'dak l-artikolu, sakemm ma jkunux diġà temmewh.

Huma għandhom iżommu ruħhom ukoll milli jagħmlu kwalunkwe att jew iġibu ruħhom b'mod li jkollu għan jew effett identiku jew simili. " [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

44 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Mejju 2017, Air Canada ippreżentat rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża sa fejn tikkonċernaha, u, sussidjarjament, għat-tħassir tal-multa imposta jew għat-tnaqqis tal-ammont tagħha.

45 Insostenn ta' dan ir-rikors, Air Canada invokat ħames motivi għal annullament.

46 Fost dawn il-motivi, it-tielet wieħed kien ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u żbalji ta' liġi fl-imputazzjoni lil Air Canada tar-responsabbiltà għall-ksur uniku u kontinwu sa fejn dan jirrigwarda r-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera. Ir-raba' motiv kien dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fuq ir-rotot inbound kif ukoll fuq ir-rotot Unjoni-pajjiżi terzi qabel l-1 ta' Mejju 2004 u fuq ir-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi qabel id-19 ta' Mejju 2005.

47 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, wara li laqgħet it-tieni parti tal-ħames motiv, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni naqset milli turi, permezz ta' provi kredibbli, il-fatti allegati fil-konfront tal-appellanti, annullat l-Artikolu 1(1)(a), (2)(a), (3)(a) u (4)(a) tad-Deċiżjoni kontenzjuża sa fejn din tikkonstata l-parteċipazzjoni ta' Air Canada fil-komponent tal-ksur uniku u kontinwu relatat mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, u ffissat għal EUR 17 952 000 l-ammont tal-multa imposta fuq Air Canada fl-Artikolu 3(a) ta' din id-deċiżjoni. Fl-aħħar nett, hija ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

It-talbiet tal-partijiet fl-appell

48 Permezz tal-appell tagħha, Air Canada titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla d-Deċiżjoni kontenzjuża jew, sussidjarjament, jew l-Artikolu 1(1)(a), l-Artikolu 1(2)(a), l-Artikolu 1(3)(a) jew l-Artikolu 1(4)(a) tagħha jew dawn id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien;

– tannulla l-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni jew, sussidjarjament, tnaqqas sostanzjalment l-ammont tal-multa;

– sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż tal-appellanti sostnuti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u tbati ż-żewġ terzi li jifdal tal-ispejjeż sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali.

49 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lil Air Canada għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

50 Insostenn tal-appell tagħha, Air Canada tibbaża ruħha fuq tliet aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tikkonstata u tissanzjona ksur fuq ir-rotot inbound. It-tieni aggravju huwa bbażat, essenzjalment, fuq żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tar-responsabbiltà ta' Air Canada fir-rigward tal-ksur imwettaq fuq ir-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq in-nuqqas ta' eżami *ex officio* tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-aġir ta' Air Canada fuq dawn l-istess rotot.

51 Għandu jiġi eżaminat, qabelxejn, l-ewwel aggravju, imbagħad it-tielet aggravju u, fl-aħħar nett, it-tieni aggravju.

Fuq l-ewwel aggravju, dwar il-kompetenza tal-Kummissjoni fir-rigward tar-rotot inbound

52 L-ewwel aggravju jinkludi żewġ partijiet, filwaqt li t-tieni parti għandha tinqasam f'seba' lmenti. L-ewwel parti ta' dan l-aggravju u l-ewwel ilment tat-tieni parti tiegħu huma bbażati fuq l-użu biss, b'mod żbaljat, tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati tal-prattiki antikompetittivi fl-Unjoni (iktar 'il quddiem il-"kriterju tal-effetti kkwalifikati") sabiex tiġi ddeterminata l-kompetenza tal-Kummissjoni. It-tieni sal-ħames ilment ta' din it-tieni parti huma bbażati fuq żbalji ta' liġi fid-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan il-kriterju. Is-sitt u s-seba' lmenti tal-imsemmija tieni parti jirrigwardaw l-użu tal-kunċett ta' "ksur uniku u kontinwu".

Fuq l-ewwel parti u l-ewwel ilment tat-tieni parti, ibbażati fuq l-użu biss, b'mod żbaljat, tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati sabiex tiġi ddeterminata l-kompetenza tal-Kummissjoni

– *L-argumenti tal-partijiet*

53 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, Air Canada ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta rrifjutat li teżamina l-applikazzjoni tal-kriterju tal-post tal-implimentazzjoni tal-prattiki antikompetittivi (iktar 'il quddiem il-"kriterju tal-implimentazzjoni") għas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound, billi qieset li "l-kriterju tal-effetti kkwalifikati [kien] ankrat fil-formulazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE" u billi qieset li aġir li jinvolvi koordinazzjoni tal-prezzijiet adottat barra mill-Unjoni kien jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE, abbażi biss tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati, mingħajr ma kien neċessarju li jiġi ddeterminat jekk tali aġir kellux bħala għan jew bħala effett ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

54 Skont Air Canada, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati, li jaqa' taħt id-dritt internazzjonali pubbliku, ma jistax jissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-effetti antikompetittivi "fi ħdan is-suq intern", li hija meħtieġa fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE. Dan il-kriterju jikkostitwixxi rekwiżit addizzjonali li jsir rilevanti fid-dritt internazzjonali pubbliku biss jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 101(1) TFUE jkunu ssodisfatti.

55 Permezz tal-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, li jirrigwarda l-punti 225 sa 279 tas-sentenza appellata, Air Canada ssostni li l-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza dwar l-evalwazzjoni tal-effetti kompetittivi li jirriżultaw minn ksur minħabba l-għan.

56 L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati ma kienx jeħtieġ, fil-każ ta' ksur minħabba l-għan, li jintwerew effetti antikompetittivi konkreti u, għaldaqstant, billi teħles lill-Kummissjoni mill-obbligu li twettaq evalwazzjoni tal-effetti antikompetittivi tal-aġir inkwistjoni fid-dawl tal-għan antikompetittiv tiegħu.

57 It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li aġir adottat u implimentat barra miż-ŻEE fir-rigward tas-servizzi mibjugħa barra miż-ŻEE kien suffiċjentement dannuż għall-kompetizzjoni fis-suq intern sabiex jitqies li jikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, mingħajr ma wettqet evalwazzjoni xierqa taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, inklużi l-effetti ta' dan l-aġir fuq il-kompetizzjoni fi ħdan iż-ŻEE. Issa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li projbizzjoni ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni minn pajjiż terz ma tikkostitwixxix restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, filwaqt li l-istess projbizzjoni ta' esportazzjoni bejn Stati Membri hija restrizzjoni.

58 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

59 Fl-ewwel lok, sabiex tingħata risposta għall-argument li permezz tiegħu Air Canada ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi rrifjutat li teżamina l-kriterju tal-implimentazzjoni, għandu jitfakkar li, fil-punt 46 tas-sentenza tagħha tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632), il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'aggravju li lmenta li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tikkonstata u tissanzjona aġir adottat barra mill-Unjoni abbażi tar-regoli tad-dritt internazzjonali pubbliku setgħet tiġi stabbilita jew fid-dawl tal-kriterju tal-implimentazzjoni, jew fid-dawl tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati, iddeċidiet li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati jista', waħdu, iservi bħala bażi għall-kompetenza tal-Kummissjoni.

60 Il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għal din id-deċiżjoni wara li fakkret, fil-punti 42 u 45 ta' din is-sentenza, minn naħa, li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 101 u 102 TFUE huma intiżi li jindirizzaw l-aġir, kollettiv u unilaterali, tal-impriżi li jillimitaw il-kompetizzjoni fis-suq intern u, min-naħa l-oħra, li l-kriterju tal-implimentazzjoni u dak tal-effetti kkwalifikati għandhom l-istess għan, jiġifieri li jindirizzaw aġir li ċertament ma ġiex adottat fit-territorju tal-Unjoni, iżda li l-effetti antikompetittivi tiegħu jistgħu jinħassu fis-suq tal-Unjoni.

61 Minn dan isegwi li l-kriterju tal-implimentazzjoni u dak tal-effetti kkwalifikati huma ta' natura alternattiva u li wieħed biss minn dawn il-kriterji huwa, waħdu, suffiċjenti sabiex jiġġustifika, abbażi tar-regoli tad-dritt internazzjonali pubbliku, il-kompetenza tal-Kummissjoni fir-rigward ta' aġir adottat barra mill-Unjoni. Peress li l-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 291 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha raġun tqis li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt, l-argument ta' Air Canada li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta rrifjutat li teżamina l-kriterju tal-implimentazzjoni għandu jiġi miċħud bħala infondat.

62 Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat l-argument imressaq minn Air Canada, fis-sens li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta eżentat lill-Kummissjoni mill-obbligu li tevalwa l-effetti tal-aġir inkwistjoni fid-dawl tal-għan antikompetittiv ta' dan tal-aħħar.

63 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 232 tas-sentenza appellata, li, "[f]il-każ ta' aġir li l-Kummissjoni tkun qieset, bħal f'dan il-każ, li jikkawża livell ta' dannu għall-kompetizzjoni fis-suq intern jew fiż-ŻEE sal-punt li seta' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-'għan' fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, l-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati ma tistax teħtieġ il-prova tal-effetti konkreti li tippreżupponi l-klassifikazzjoni ta' aġir bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba r-'riżultat', fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet".

64 Bl-istess mod, hija indikat, fil-punt 236 ta' din is-sentenza, li jekk wieħed jinterpreta l-kriterju tal-effetti kkwalifikati fis-sens li jeħtieġ il-prova tal-effetti konkreti tal-aġir kontenzjuż anki meta jkun hemm restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-"għan", jiġri li l-kompetenza tal-Kummissjoni li tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE ssir suġġetta għal kundizzjoni li ma għandha ebda bażi fit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

65 Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet, fil-punt 237 tal-imsemmija sentenza, li Air Canada, minn naħa, ma setgħetx validament tikkritika lill-Kummissjoni talli għamlet żball meta qieset li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt, meta din tal-aħħar, fil-premessi 917, 1190 u 1277 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, kienet indikat li hija ma kinitx obbligata tevalwa l-effetti antikompetittivi tal-aġir kontenzjuż fid-dawl tal-għan antikompetittiv ta' dan tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, lanqas ma setgħet tiddeduċi minn dawn il-premessi li l-Kummissjoni ma kienet għamlet ebda analiżi tal-effetti li pproduċa dan l-aġir fis-suq intern jew fiż-ŻEE għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-kriterju.

66 Madankollu, kif jirriżulta mit-tieni sentenza ta' dan il-punt 237, ma jistax jiġi dedott minnhom li, sabiex tistabbilixxi li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt, il-Qorti Ġenerali qieset li kien biżżejjed li l-akkordju kontenzjuż ikun jista' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-għan.

67 Fil-fatt, minn qari tal-punti 228 sa 244 tas-sentenza appellata kollha kemm huma jirriżulta li l-Qorti Ġenerali sempliċement ċaħdet l-argument li Air Canada kienet ressqet quddiemha, miġbur fil-qosor fil-punt 216 ta' din is-sentenza. Għalhekk, f'dawn il-punti, hija indikat ir-raġunijiet għaliex huwa b'mod żbaljat li Air Canada sostniet quddiemha li l-fatt li, fil-motivi tad-Deċiżjoni kontenzjuża relatati, fir-rigward tal-premessa 917 tagħha, mal-klassifikazzjoni tar-restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni inkwistjoni u, fir-rigward tal-premessi 1190 u 1277 ta' din tal-aħħar, mal-kalkolu tal-multa, il-Kummissjoni kienet indikat li l-prova ta' effetti antikompetittivi reali ma kinitx meħtieġa peress li l-għan antikompetittiv tal-aġir inkwistjoni kien stabbilit, kien ifisser li l-Kummissjoni kienet, minħabba dan l-għan antikompetittiv, naqset milli

tevalwa jekk dan l-aġir kienx ipproduċa l-effetti kkwalifikati meħtieġa għall-istabbiliment tal-kompetenza tagħha biex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound.

68 Issa, minn naħa, il-Qorti Ġenerali, billi essenzjalment irrispondiet li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati, li jservi bħala bażi għall-kompetenza ekstraterritorjali tal-Kummissjoni, huwa differenti mill-kwistjoni jekk l-akkordju kontenzjuż jistax jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, ma għamlet ebda żball ta' liġi. Kif irrileva wkoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 42 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati, li jista' jservi bħala bażi għall-kompetenza ta' applikazzjoni ekstraterritorjali tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u taż-ŻEE mill-Kummissjoni fid-dawl tad-dritt internazzjonali pubbliku, ma jikkoinċidix mal-kriterju sostanzjali relatat mar-restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni, minħabba l-għan jew minħabba l-effett, fi ħdan is-suq intern tal-Unjoni jew fiż-ŻEE, li għalih hija suġġetta l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tikkonstata u tissanzjona, taħt id-dritt tal-Unjoni, ksur ta' dawn ir-regoli tal-kompetizzjoni.

69 Min-naħa l-oħra, l-analiżi tal-Qorti Ġenerali intiża li jiġi ddeterminat jekk il-Kummissjoni kinitx korrettament qieset li, f'dan il-każ, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt, hija spjegata fil-punti 245 sa 279 tas-sentenza appellata fir-rigward tal-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ikkunsidrata b'mod iżolat u fil-punti 280 sa 291 ta' din is-sentenza fir-rigward tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu.

70 F'dawn iċ-ċirkustanzi, Air Canada tinterpreta ħażin is-sentenza appellata meta hija ssostni li l-Qorti Ġenerali qieset li kien possibbli, sabiex tiġi stabbilita, abbażi tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati, il-kompetenza tal-Kummissjoni li tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għal aġir adottat barra mit-territorju taż-ŻEE, li ma jintwerewx tali effetti meta dan l-aġir ikun jista' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-għan. L-argument imfisser fil-punt 56 ta' din is-sentenza għandu, konsegwentement, jiġi miċħud bħala infondat.

71 Fit-tielet lok, jirriżulta wkoll minn interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata l-argument li l-Qorti Ġenerali ssostitwixxiet il-kriterju tal-effetti kkwalifikati tad-dritt internazzjonali pubbliku għall-kriterju sostanzjali tar-restrizzjoni tal-kompetizzjoni, minħabba l-għan jew minħabba l-effett, fis-suq intern tal-Unjoni jew fiż-ŻEE.

72 Fil-fatt, mill-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali msemmija fil-punt 68 ta' din is-sentenza jirriżulta b'mod inekwivoku li din, minn naħa, ikkonstatat li l-kompetenza tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku kienet stabbilita abbażi tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati u, min-naħa l-oħra, irrilevat l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" li tiġġustifika l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tikkonstata u tissanzjona, skont id-dritt tal-Unjoni, ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li ssostni Air Canada, il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma qieset li l-prova tal-eżistenza ta' effetti kkwalifikati kienet teżenta lill-Kummissjoni milli tipproduċi l-prova li l-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 101(1) TFUE, dwar l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan jew minħabba l-effett, kienet issodisfatta.

73 Fir-raba' lok, sa fejn Air Canada issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-aġir kontenzjuż kien suffiċjentement dannuż għall-kompetizzjoni fis-suq intern sabiex jitqies bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, huwa biżżejjed li jitfakkar li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-eżami ta' appell

hija limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat għall-motivi u għall-argumenti diskussi quddiem l-ewwel qrati. Għalhekk, parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motiv li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li dan ikun ifisser li din il-parti titħalla tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ġurisdizzjoni tagħha fl-istadju ta' appell hija waħda limitata, b'tilwima usa' minn dik li biha tkun adixxiet lill-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, fil-kuntest ta' appell, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat għall-motivi u għall-argumenti diskussi quddiem l-ewwel qorti (sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 34, u tat-2 ta' Frar 2023, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, C-649/20 P, C-658/20 P u C-662/20 P, EU:C:2023:60, punt 29 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

74 Issa, f'dan il-każ, quddiem il-Qorti Ġenerali, Air Canada ma fformulat ebda motiv jew argument intiż li jikkontesta l-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni minħabba l-għan magħmula mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Għaldaqstant, l-ilment ta' Air Canada intiż li jikkontesta l-klassifikazzjoni tal-aġir kontenzjuż bħala "restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan" għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

75 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel parti u l-ewwel ilment tat-tieni parti għandhom jiġu miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondati.

Fuq it-tieni sal-ħames ilmenti tat-tieni parti, ibbażati fuq żbalji ta' liġi fid-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati

– *L-argumenti tal-partijiet*

76 Permezz tat-tieni lment tat-tieni parti, Air Canada ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-Kummissjoni kienet ipprovat b'mod suffiċjenti fid-dritt li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati kienu ssodisfatti, filwaqt li l-Kummissjoni ddedikat għal din il-kwistjoni premessa waħda biss tad-Deċiżjoni kontenzjuża, jiġifieri l-premessa 1045 tagħha, u li, fir-realtà, hija ma wettqet ebda analiżi tal-effetti prevedibbli, immedjati u sostanzjali fi ħdan is-suq intern. Sabiex tagħmel dan, il-Qorti Ġenerali kienet barra minn hekk obbligata tibbaża ruħha fuq premessi oħra tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li hija għażlet arbitrarjament, minkejja li l-effetti rrilevati mill-Kummissjoni huma biss ipotetiċi, spekulattivi jew, tal-inqas, mhux issostanzjati.

77 Permezz tat-tielet ilment ta' din il-parti, Air Canada ssostni li l-Qorti Ġenerali qalbet l-oneru tal-prova tal-effetti kkwalifikati, li jaqa' fuq il-Kummissjoni, billi bbażat ruħha b'mod żbaljat fuq preżunzjoni, mhux issostanzjata, ta' effetti immedjati, sostanzjali, diretti u prevedibbli.

78 Air Canada tikkritika, b'mod partikolari, lill-Qorti Ġenerali, l-ewwel nett, li indikat, fil-punt 237 tas-sentenza appellata, li hija kellha turi li l-Kummissjoni ma kienet wettqet ebda analiżi tal-effetti antikompetittivi tal-aġir kontenzjuż, it-tieni nett, li kkunsidrat, fil-punt 255 ta' din is-sentenza, li hija "ma [pproduċiet] ebda prova li turi li kien ftit probabbli li ċ-ċirkustanzi tal-każ kienu jwasslu għar-riperkussjoni downstream, fuq l-ispedituri, tal-ispiża addizzjonali li tirriżulta mill-ksur uniku u kontinwu fuq ir-rotot inbound" u, it-tielet nett, li rrilevat, fil-punt 277 tal-imsemmija sentenza, li hija "la [stabilixxiet], u lanqas [allegat] li r-riperkussjoni prevedibbli tal-ispiża addizzjonali fuq l-ispedituri stabbiliti fiż-ŻEE hija illegali jew estranja għall-funzjonament normali tas-suq".

79 Permezz tar-raba' lment tal-imsemmija parti, Air Canada tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet sostituzzjoni tal-motivi billi ddedikat 55 punt tas-sentenza appellata għall-evalwazzjoni tal-legalità tal-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li hija l-unika premessa ta' din id-deċiżjoni li tanalizza l-kriterju tal-effetti kkwalifikati.

80 Permezz tal-ħames ilment tal-istess parti, Air Canada tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi u kisret id-drittijiet tad-difiża tagħha meta evalwat il-legalità tad-Deċiżjoni kontenzjuża abbażi ta' argumenti, ta' interpretazzjoni u ta' analiżi esposti għall-ewwel darba matul ir-rikors għal annullament ippreżentat kontra din id-deċiżjoni. Air Canada ssostni li r-raġunament u l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali ma kinux jinsabu fl-imsemmija deċiżjoni u li, konsegwentement, hija qatt ma tqiegħdet f'pożizzjoni, matul il-proċedura amministrattiva, li tesprimi l-opinjoni tagħha.

81 Il-Kummissjoni titlob li dawn l-ilmenti jiġu miċħuda.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

82 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li t-tieni u r-raba' lment tat-tieni parti, li permezz tagħhom Air Canada tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-Kummissjoni kienet uriet li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati kienu ssodisfatti, filwaqt li hija biss il-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża li hija ddedikata għal din il-kwistjoni, u, għaldaqstant, li, fis-sentenza appellata, issostitwixxiet l-analiżi tagħha tal-effetti kkwalifikati għal dik tal-Kummissjoni, huma inseparabbli. Jeħtieġ għaldaqstant li dawn jiġu eżaminati flimkien.

83 Ċertament mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-portata tal-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE tkopri l-elementi kollha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE li l-Qorti Ġenerali għandha tiżgura stħarriġ iddettaljat tagħhom, kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt, fid-dawl tal-motivi li jqajjem ir-rikorrent u tal-provi kollha li jipproduċi dan tal-aħħar. Madankollu, fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, il-qrati tal-Unjoni ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jissostitwixxu l-motivazzjoni tal-awtur tal-att inkwistjoni b'tagħhom stess (sentenza tal-4 ta' Lulju 2024, Westfälische Drahtindustrie u Pampus Industriebeteiligungen vs Il-Kummissjoni, C-70/23 P, EU:C:2024:580, punt 38, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

84 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma tistax timla, bil-motivazzjoni tagħha stess, lakuna fil-motivazzjoni tal-att ikkontestat quddiemha, b'tali mod li l-eżami tagħha ma jkun marbut ma' ebda evalwazzjoni f'dan tal-aħħar (sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, UEFA vs Il-Kummissjoni, C-201/11 P, EU:C:2013:519, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

85 Madankollu, meta l-Qorti Ġenerali sempliċement tirrispondi għall-argument imressaq quddiemha u b'hekk tispjega l-motivazzjoni ta' dan l-att, ma jistax jitqies li hija qiegħda tissostitwixxi l-motivazzjoni tal-awtur tiegħu b'tagħha stess (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2014, Deltafina vs Il-Kummissjoni, C-578/11 P, EU:C:2014:1742, punt 56, u tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair vs Il-Kummissjoni, C-209/21 P, EU:C:2023:905, punt 49).

86 F'dan il-każ, mill-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali magħmula fil-punti 45 u 222 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-ewwel motiv li fuqu bbażat ruħha l-Kummissjoni, fil-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, sabiex tqis li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt f'dan il-każ jirrigwarda ż-"żieda fl-ispejjeż tat-trasport bl-ajru lejn iż-ŻEE u għalhekk [il-]prezzijiet ogħla

tal-merkanzija importata [li seta'], min-natura tagħhom, ikollhom effetti fuq il-konsumaturi fiż-ŻEE", motiv li l-Qorti Ġenerali rreferiet għalih bħala "effett inkwistjoni" (iktar 'il quddiem l-"effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata"), li fir-rigward tiegħu Air Canada sostniet li ma kienx fost l-effetti prodotti mill-aġir kontenzjuż li l-Kummissjoni kellha raġun li tieħu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-effetti kkwalifikati.

87 Fir-rigward tal-elementi rrilevati fis-sentenza appellata sabiex tiġi stabbilita r-rilevanza tal-effetti tal-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound, mill-punt 241 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq il-premessi 14, 17 u 70 tad-Deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll fuq it-tweġibiet tal-partijiet għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura li hija kienet adottat sabiex, b'mod partikolari, tiċċara r-rwol tal-burdnara fir-rigward tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound.

88 Barra minn hekk, fil-punti 248 sa 251, 254 u 257 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rreferiet għall-premessi 14, 17, 70, 846, 874, 879, 899, 909, 1031, 1199 u 1208 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li fihom il-Kummissjoni ddeskriviet in-natura tal-aġir kontenzjuż, li hija kklassifikat bħala ffissar orizzontali tal-prezzijiet relatati mas-sovrataxxa tal-fjuwil, mas-sovrataxxa tas-sigurtà u mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet.

89 Huwa għalhekk abbażi ta' qari flimkien tal-premessi kollha tad-Deċiżjoni kontenzjuża ddedikati għan-natura tal-aġir inkwistjoni, għall-karatteristiċi tal-provvista u tat-tariffi tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru, għar-rwol tal-burdnara kif ukoll għall-effetti ta' żieda fis-sovrataxxi fuq l-ispiża tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija u, konsegwentement, fuq l-ispiża tal-merkanzija importata li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 292 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet b'mod suffiċjenti li kien prevedibbli li l-aġir kontenzjuż kien ser jipproduċi effett sostanzjali u immedjat fiż-ŻEE.

90 Issa, l-ewwel, sa fejn Air Canada ssostni li, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-aġir inkwistjoni seta' jipproduċi effetti prevedibbli, immedjati u sostanzjali fis-suq intern u bbażat ruħha fuq sempliċi ipoteżi ta' effetti li "jistgħu" iseħħu, għandu jiġi rrilevat li dan l-argument ma huwiex dirett kontra s-sentenza appellata, iżda kontra d-Deċiżjoni kontenzjuża u li għalhekk għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, TUIfly vs Il-Kummissjoni, C-763/21 P, EU:C:2023:528, punti 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

91 Barra minn hekk, għalkemm Air Canada ssostni li l-Qorti Ġenerali għażlet diversi premessi mifruxa fid-Deċiżjoni kontenzjuża li hija ġabret flimkien sabiex tippreżentahom bħala li jagħmlu parti minn raġunament loġiku, li hija bniet b'mod artifiċjali, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li wettqet interpretazzjoni globali ta' din id-deċiżjoni u li bbażat ruħha fuq il-premessi li hija qieset rilevanti sabiex tevalwa l-fondatezza tal-konklużjoni tal-Kummissjoni, imfakkra fil-punt 89 ta' din is-sentenza. Fi kwalunkwe każ, Air Canada ma tallegax li din l-interpretazzjoni li għamlet il-Qorti Ġenerali żnaturat l-imsemmija deċiżjoni.

92 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat l-argument li permezz tiegħu Air Canada tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi talli naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li d-Deċiżjoni kontenzjuża ma tippreżenta ebda analiżi tal-effetti kkwalifikati u hija bbażata biss fuq effetti spekulattivi u ipotetiċi.

93 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-punti 222 u 238 tas-sentenza appellata, l-ewwel sentenza tal-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża kien fiha, anki jekk fuq fuq, il-provi li ppermettew lill-Qorti Ġenerali tivverifika li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet il-kompetenza ekstraterritorjali tagħha fid-dawl tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati. Fil-fatt, huma dawn il-provi li, moqrija fid-dawl tal-premessi rilevanti l-oħra ta' din id-deċiżjoni, imsemmija fil-punti 241, 248 sa 251, 254, 257, 265 sa 267, 270 u 271 tas-sentenza appellata, ippermettew lill-Qorti Ġenerali tivverifika li l-Kummissjoni kienet effettivament stabbilixxiet l-eżistenza ta' tali effetti.

94 Barra minn hekk, mill-punti 228 sa 279 tas-sentenza appellata jirriżulta li, f'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali sempliċement irrispondiet għall-argumenti mressqa quddiemha minn Air Canada u spjegat il-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża, billi, b'mod iktar speċifiku, ġibdet ċerti konklużjonijiet mill-provi li kienu jinsabu f'din id-deċiżjoni.

95 Għaldaqstant, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 83 ta' din is-sentenza, l-allegata sostituzzjoni tal-motivi fir-rigward ta' dawn il-punti 228 sa 279 ma ġietx stabbilita.

96 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument ta' Air Canada dwar inverżjoni tal-oneru tal-prova, skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-Kummissjoni li għandha tipproduċi l-provi xierqa sabiex turi, b'mod suffiċjenti fid-dritt, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. Għall-kuntrarju, hija l-impriża li tqajjem eċċezzjoni kontra l-konstatazzjoni ta' tali ksur li għandha tipproduċi l-prova li din l-eċċezzjoni għandha tintlaqa'. Madankollu, anki jekk, skont dawn il-prinċipji, l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-Kummissjoni jew fuq l-impriża kkonċernata, il-provi fattwali li parti tipproduċi jistgħu jobbligaw lill-parti l-oħra tagħti spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni u, fin-nuqqas ta' dan, ikun jista' jiġi konkluż li l-oneru tal-prova ġie ssodisfatt (ara, f'dan is-sens, sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 120 u l-ġurisprudenza ċċitata).

97 Ibbażata fuq ir-regoli ġenerali ta' amministrazzjoni tal-provi, din il-ġurisprudenza tista' tiġi applikata għas-sitwazzjoni li fiha l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kompetenza territorjali tagħha fir-rigward ta' aġir li joriġina barra mit-territorju tal-Unjoni jew taż-ŻEE.

98 Kif issostni Air Canada, hija għalhekk il-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati huwa ssodisfatt u, għaldaqstant, li għandha turi li l-prattiki kkonċernati għandhom effetti prevedibbli, immedjati u sostanzjali fl-Unjoni jew, bħal f'dan il-każ, fiż-ŻEE. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ma kisritx din ir-regola tal-oneru tal-prova.

99 Minn naħa, fir-rigward tal-kritika minn Air Canada tal-punt 237 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat li, f'dan il-punt, il-Qorti Ġenerali sempliċement ċaħdet l-argument li kellu jiġi dedott mill-assenza ta' evalwazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-effetti antikompetittivi tal-akkordju kontenzjuż minħabba l-għan antikompetittiv tiegħu li l-Kummissjoni kienet naqset milli tanalizza l-effetti ta' dan l-akkordju għall-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati.

100 Għandu jiġi rrilevat, min-naħa l-oħra, li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda inverżjoni tal-oneru tal-prova fil-punt 255 tas-sentenza appellata. Wara li evalwat, fil-punti 253, 254 u 256 sa 261 ta' din is-sentenza, jekk il-Kummissjoni kinitx uriet b'mod suffiċjenti l-prevedibbiltà tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata, il-Qorti Ġenerali wieġbet fl-affermattiv billi indikat, fil-punt 258 tal-imsemmija sentenza, li ż-żieda fil-prezz tal-merkanzija importata kienet tikkostitwixxi effett prevedibbli għat-trasportaturi. Bl-istess mod, mill-punti 273 sa 278 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali, wara li eżaminat l-influwenza eżerċitata mill-intervent tal-burdnara fuq ir-rabta kawżali bejn l-akkordju kontenzjuż u l-effett fuq

il-prezzijiet tal-merkanzija importata, ikkunsidrat li l-Kummissjoni kienet ipproduċiet il-prova tan-natura immedjata ta' dan l-effett. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, il-Qorti Ġenerali rrilevat b'mod partikolari, fil-punti 275 u 276 tas-sentenza appellata, li l-intervent tal-burdnara ma kienx kiser il-katina ta' kawżalità peress li dan kien jirriżulta oġġettivament mill-akkordju kontenzjuż, skont il-funzjonament normali tas-suq.

101 F'dawn iċ-ċirkustanzi, billi qieset li kienet Air Canada li kellha tipproduċi l-prova kuntrarja intiża sabiex tinvalida tali konstatazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod korrett il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 96 ta' din is-sentenza, mingħajr ma qalbet l-oneru tal-prova.

102 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq l-allegat ksur tad-drittijiet tad-difiża, li jirriżulta mill-fatt li Air Canada skopriet l-analiżi tal-effetti kkwalifikati biss wara l-għoti tas-sentenza appellata, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif ġie rrilevat fil-punt 94 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha, f'din is-sentenza, fuq elementi, ċirkustanzi u kriterji li kienu diġà jinsabu fil-premessi rilevanti tad-Deċiżjoni kontenzjuża u li, barra minn hekk, hija wieġbet b'mod iddettaljat, fil-punti 225 sa 279 tas-sentenza appellata, għall-argument, imressaq quddiemha minn Air Canada, fis-sens li, billi invokat, fil-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, l-eżistenza ta' reazzjoni f'katina li tirriżulta minn prattiki antikompetittivi, il-Kummissjoni ma kinitx ipproduċiet il-prova li l-koordinazzjoni allegata relatata mar-rotot inbound kienet ipproduċiet effetti immedjati, sostanzjali u prevedibbli fl-Unjoni jew fiż-ŻEE. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan l-ilment ma jistax jiġi aċċettat.

103 Minn dan isegwi li t-tieni sal-ħames ilment tat-tieni parti għandhom jiġu miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondati.

Fuq is-sitt u s-seba' lment tat-tieni parti, ibbażati fuq l-użu tal-kunċett ta' "ksur uniku u kontinwu".

– *L-argumenti tal-partijiet*

104 Permezz tas-sitt ilment tat-tieni parti, Air Canada issostni li l-Qorti Ġenerali applikat il-kunċett ta' "ksur uniku u kontinwu" fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-effetti kkwalifikati sabiex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE għal aġir li, madankollu, ma jaqax fil-kompetenza tal-Kummissjoni. Skont Air Canada, fil-każ ta' ksur uniku u kontinwu, kull element li jikkostitwixxi l-ksur għandu jaqa' fil-kamp ta' kompetenza tal-Kummissjoni, u fin-nuqqas ta' dan din l-istituzzjoni tista' testendi l-kompetenza tagħha għal aġir adottat kullimkien fid-dinja, kemm jekk ikollu jew ma jkollux rabta mal-Unjoni jew maż-ŻEE, għas-sempliċi raġuni li dan l-aġir isegwi l-istess għan ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni bħall-elementi l-oħra li jikkostitwixxu l-ksur li jaqgħu fil-kamp ta' kompetenza tal-Kummissjoni.

105 Skont Air Canada, il-koordinazzjoni relatata mar-rotot inbound tikkostitwixxi aġir distint u differenti mill-aġir adottat fuq ir-rotot outbound u l-aġir li hija adottat fir-rigward ta' dawn ir-rotot inbound serva għanijiet differenti u jikkonċerna esklużivament il-kompetizzjoni fil-Kanada, mingħajr ma seta' jipproduċi ebda effett fl-Unjoni jew fiż-ŻEE.

106 Permezz tas-seba' lment tat-tieni parti, Air Canada issostni li l-Qorti Ġenerali evalwat b'mod żbaljat l-effetti tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu. Filwaqt li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li turi li l-aġir kkunsidrat fl-intier tiegħu jissodisfa kull waħda mill-erba' kundizzjonijiet kumulattivi tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati, jiġifieri effetti immedjati, sostanzjali, diretti u prevedibbli, il-Qorti Ġenerali eżentat lill-Kummissjoni mill-obbligu li turi li

l-aġir inkwistjoni kien jissodisfa dan il-kriterju b'mod suffiċjenti fid-dritt u qieset li ladarba l-ksur uniku u kontinwu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni, il-kompetenza tagħha kienet ukoll stabbilita *ipso facto*. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda analiżi tal-effetti tal-ksur uniku u kontinwu u, b'dan il-mod, ma osservatx l-approċċ iddefinit fis-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632).

107 Il-Kummissjoni ssostni li dawn l-ilmenti għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

108 Fil-punti 221 sa 223 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, wara li eżaminat il-premessi 1045 u 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, ikkonstatat li, sabiex qieset li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt, il-Kummissjoni kienet ibbażat ruħha kemm fuq l-effetti tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu kif ukoll fuq l-effetti tal-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ikkunsidrata b'mod iżolat u, b'mod partikolari, fuq l-ispejjeż miżjuda tat-trasport bl-ajru lejn iż-ŻEE u, għaldaqstant, il-prezzijiet ogħla tal-merkanzija importata.

109 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif iddikjarat fil-punt 224 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat, minn naħa, l-effetti tal-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ikkunsidrata b'mod iżolat u, min-naħa l-oħra, l-effetti tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu.

110 L-ewwel nett, sa fejn, permezz tas-sitt ilment tat-tieni parti, Air Canada tikkritika l-motivi li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali kkonstatat l-eżistenza ta' effett fis-suq intern jew fiż-ŻEE tal-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ikkunsidrata b'mod iżolat, għandu jitfakkar li, konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell huwa limitat għall-punti ta' liġi. Għalhekk, hija biss il-Qorti Ġenerali li tista' tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti. Għalhekk, l-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti u provi ma hijiex, ħlief fil-każ tal-iżnaturament tagħhom, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell (sentenza tal-10 ta' Settembru 2024, Il-Kummissjoni vs Lirlanda-Irlanda *et*, C-465/20 P, EU:C:2024:724, punt 110, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

111 Issa, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument imressaq insostenn tas-sitt ilment tat-tieni parti huwa intiż, fir-realtà, sabiex jikkontesta, permezz ta' sempliċi affermazzjoni, l-evalwazzjonijiet fattwali mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punti 228 sa 245 tas-sentenza appellata, dwar l-eżistenza tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata, mingħajr ma Air Canada tinvoka, barra minn hekk, żnaturament tal-fatti jew tal-provi li abbażi tagħhom il-Qorti Ġenerali wettqet dawn l-evalwazzjonijiet fattwali. F'dan ir-rigward, is-sitt ilment tat-tieni parti għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

112 It-tieni nett, sa fejn is-sitt u s-seba' lment ta' din il-parti huma diretti kontra l-punti 280 sa 292 tas-sentenza appellata, dwar l-effetti tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tal-ewwel aggravju tagħha, Air Canada tikkritika s-sentenza appellata biss sa fejn din irrikonoxxiet il-kompetenza tal-Kummissjoni li tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fuq ir-rotot inbound. Air Canada għalhekk issostni li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq il-kunċett ta' "ksur uniku u kontinwu" u li hija kellha tivverifika li l-aġir li jikkonċerna dawn ir-rotot inbound, distint u differenti minn dak relatat mar-rotot outbound, kien ipproduċa effetti kkwalifikati fiż-ŻEE.

113 Issa, kif issemma fil-punt 108 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Kummissjoni kienet eżaminat jekk il-kriterju tal-effetti kkwalifikati kienx issodisfatt fid-dawl mhux biss tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu, iżda wkoll tal-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ikkunsidrata b'mod iżolat.

114 Fil-punt 279 tas-sentenza appellata, hija ddeċidiet li l-Kummissjoni kellha raġun tikkunsidra li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt fir-rigward tal-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound, ikkunsidrata b'mod iżolat.

115 Peress li dawn il-kunsiderazzjonijiet huma waħedhom suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw il-kompetenza ta' din l-istituzzjoni fir-rigward tar-rotot inbound, hemm lok li jiġi miċħud l-argument dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti tal-ksur uniku u kontinwu, kkunsidrat fl-intier tiegħu, bħala ineffettiv.

116 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq il-preskrizzjoni tas-setgħa ta' sanzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-aġir relatat mar-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera

L-argumenti tal-partijiet

117 Permezz tat-tielet aggravju tagħha, Air Canada issostni li l-Qorti Ġenerali kellha tqajjem *ex officio* l-motiv ibbażat fuq il-preskrizzjoni tas-setgħat ta' sanzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-aġir relatat mar-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera.

118 Insostenn tal-aggravju tagħha, Air Canada tesponi li, b'mod partikolari, fi tliet sentenzi oħra dwar l-akkordju kontenzjuż, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħa tagħha ta' sanzjoni fir-rigward ta' dan l-aġir kien ġie preskritt f'data preċedenti għad-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża, u minn dan iddeduċiet li billi ssanzjonat, f'din id-deċiżjoni, it-trasportaturi kkonċernati għall-imsemmi aġir, il-Kummissjoni kienet kisret ir-regoli fil-qasam tal-preskrizzjoni stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003.

119 Air Canada, li ma invokatx dan il-motiv quddiem il-Qorti Ġenerali, issostni li dan għandu madankollu jitqajjem *ex officio* mill-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tan-natura tiegħu ta' ordni pubbliku.

120 Hija ssostni f'dan is-sens, l-ewwel nett, li d-Deċiżjoni kontenzjuża, meħuda meta s-setgħat tal-Kummissjoni kienu preskritti, hija vvizzjata b'nuqqas ta' kompetenza *ratione temporis* u li n-nuqqas ta' kompetenza ta' istituzzjoni tal-Unjoni jikkostitwixxi motiv ta' annullament ta' ordni pubbliku li għandu jitqajjem *ex officio* mill-qorti tal-Unjoni, minkejja li ebda waħda mill-partijiet ma talbitha tagħmel dan.

121 It-tieni nett, it-terminu ta' preskrizzjoni għall-impożizzjoni ta' multi li, min-natura tagħhom, jistgħu jiġu assimilati ma' sanzjonijiet kriminali, iservi l-għanijiet fundamentali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, jiġifieri ċ-ċertezza legali, l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u l-ekonomija tal-ġudizzju. Issa, huwa abbażi ta' dawn il-prinċipji li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li t-terminu għall-preżentata ta' rikors tal-Artikolu 263 TFUE huwa ta' ordni pubbliku. Peress li l-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni sservi għanijiet ta' interess pubbliku u hija

ta' natura li taffettwa d-drittijiet ta' terzi, il-preskrizzjoni tipproduċi effetti *erga omnes*, b'differenza mill-preskrizzjoni tal-azzjonijiet fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali. Air Canada żżid, f'dan ir-rigward, li n-nuqqas ta' osservanza tat-terminu huwa, f'dan il-każ, manifest u għalhekk faċilment verifikabbli minn kull terz.

122 It-tielet nett, Air Canada tinvoka l-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament billi ssostni li l-pożizzjoni tagħha ma hijiex differenti minn dik tat-trasportaturi l-oħra ta' pajjiżi terzi li rebħu l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali minħabba l-preskrizzjoni tas-setgħat ta' sanzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tagħhom.

123 Il-Kummissjoni tikkontesta n-natura ta' ordni pubbliku tal-aggravju bbażat fuq il-preskrizzjoni tas-setgħat ta' sanzjoni tagħha u titlob li l-aggravju jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

124 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, kif ġustament issostni Air Canada, permezz tas-sentenzi tat-30 ta' Marzu 2022, Japan Airlines vs Il-Kummissjoni (T-340/17, EU:T:2022:181) tat-30 ta' Marzu 2022, Cathay Pacific Airways vs Il-Kummissjoni (T-343/17, EU:T:2022:184), tat-30 ta' Marzu 2022, Latam Airlines Group u Lan Cargo vs Il-Kummissjoni (T-344/17, EU:T:2022:185), dwar l-istess akkordju mogħtija fl-istess jum tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, adita minn trasportaturi bl-ajru b'motivi għall-annullament ibbażati fuq il-preskrizzjoni tas-setgħat ta' sanzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-aġir li jikkostitwixxi ksur marbut mar-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, iddeċidiet li din l-istituzzjoni kienet kisret it-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 billi, fis-17 ta' Marzu 2017, adottat deċiżjoni li timponi sanzjonijiet kontra t-trasportaturi bl-ajru kkonċernati għal dan l-aġir li jikkostitwixxi ksur.

125 Huwa paċifiku wkoll li, kuntrarjament għall-imsemmija trasportaturi, Air Canada ma invokatx quddiem il-Qorti Ġenerali l-motiv ibbażat fuq l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni.

126 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk dan il-motiv jikkostitwixxix motiv ta' ordni pubbliku li l-Qorti Ġenerali kellha tqajjem *ex officio*.

127 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta espressament mit-titolu tal-Kapitolu VII tar-Regolament Nru 1/2003 u mill-formulazzjoni tal-Artikolu 25 ta' dan ir-regolament, li jinsab f'dan il-Kapitolu VII, it-termini li fihom huma limitati s-setgħat ta' sanzjoni tal-Kummissjoni huma kklassifikati bħala termini ta' "preskrizzjoni".

128 Għandu jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-klassifikazzjoni bħala terminu ta' "preskrizzjoni" hija kkonfermata minn verżjonijiet lingwistiċi oħra tal-imsemmi regolament, b'mod partikolari l-verżjonijiet tiegħu bil-lingwa Spanjola ("*prescripción*"), Ingliża ("*limition periods*"), Taljana ("prescrizione"), Litwana ("senaties terminai") u Portugiża ("prescrição").

129 Peress li n-natura ta' terminu hija ddeterminata b'teħid inkunsiderazzjoni tal-kuntest ġenerali tiegħu u tal-għan tiegħu (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2002, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-5/01, EU:C:2002:754, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata), għandu jiġi rrilevat ukoll li n-natura tat-terminu previst fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 hija kkorroborata minn interpretazzjoni kuntestwali u teleoloġika ta' din id-dispożizzjoni.

130 F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 1/2003, li jikkostitwixxi, flimkien mal-Artikolu 25 tiegħu, il-Kapitolu VII ta' dan ir-regolament, jikklassifika wkoll bħala "terminu ta' preskrizzjoni" it-terminu li fl-iskadenza tiegħu l-Kummissjoni ma tistax iktar teżegwixxi d-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikoli 23 u 24 tal-imsemmi regolament. Barra minn hekk, kemm l-Artikolu 25 tal-istess regolament kif ukoll l-Artikolu 26 tiegħu jistabbilixxu preċiżament ir-regoli kollha applikabbli għat-termini li huma jistabbilixxu billi jipprevedu mhux biss it-tul ta' dawn it-termini, iżda wkoll id-data li minnha jiddekorru kif ukoll il-kawżi ta' interruzzjoni u ta' sospensjoni tagħhom. Issa, dawn ir-regoli jikkorrispondu għas-sistema legali tal-preskrizzjoni.

131 Fir-rigward tal-għan tat-termini li jillimitaw is-setgħat tal-Kummissjoni, għandu jiġi rrilevat li, l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 jirriproduċi, essenzjalment, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1 sa 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2988/74 tas-26 ta' Novembru 1974 li jikkonċerna l-perjodi ta' limitazzjoni fil-proċedimenti u l-infurzar tas-sanzjonijiet taħt ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea dwar it-trasport u l-kompetizzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 61). Għaldaqstant, sabiex jiġu interpretati dawn it-termini, għandu jsir riferiment għall-preambolu ta' dan l-aħħar regolament u, b'mod partikolari, għat-tieni premessa tiegħu. Din il-premessa tippreċiża li "huwa meħtieġ fl-interessi taċ-ċertezza legali li l-prinċipju tal-limitazzjoni jiġi introdott u li r-regoli ta' l-implimentazzjoni jitniżżlu" u li "l-interessi ta' l-impriżi u l-assoċazzjonijiet ta' impriżi fuq in-naħa l-waħda, u l-bzonnijiet imposti mill-prattika amministrattiva, fuq in-naħa l-oħra, għandhom ikunu kkunsidrati". Għalhekk mill-imsemmija premessa jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jirregola s-setgħat tal-Kummissjoni permezz tal-istabbiliment tal-mekkaniżmu tal-preskrizzjoni estintiva, bl-għan, b'mod partikolari, li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-impriżi li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li timponi multi jew pagamenti ta' penalità.

132 Għaldaqstant, kemm mill-formulazzjoni tar-Regolament Nru 1/2003, mill-kuntest tiegħu kif ukoll mill-għanijiet li huwa jfittex li jilħaq jirriżulta li t-termini previsti fil-Kapitolu VII tiegħu jikkostitwixxu termini ta' preskrizzjoni.

133 Issa, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-osservanza ta' terminu ta' preskrizzjoni ma tistax titqajjem *ex officio* mill-qorti tal-Unjoni, iżda għandha titqajjem mill-parti kkonċernata (sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2016, Marchiani vs Il-Parlament, C-566/14 P, EU:C:2016:437, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-5 ta' Settembru 2019, L-Unjoni Ewropea vs Guardian Europe u Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea, C-447/17 P u C-479/17 P, EU:C:2019:672, punt 99 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

134 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi invalidata mill-argument imressaq minn Air Canada, fis-sens li l-motiv ibbażat fuq il-preskrizzjoni tas-setgħat ta' sanzjoni tal-Kummissjoni għandu jiġi assimilat ma' motiv ta' inkompetenza, peress li, wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni, il-Kummissjoni ġiet imċaħħda mill-kompetenza sabiex timponi multa fuqha.

135 Fil-fatt, għalkemm l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 jobbliga lill-Kummissjoni tissanzjona ksur partikolari f'ċertu terminu, li jibda jiddekorri mill-jum li fih twettaq dan il-ksur jew, fil-każ ta' ksur kontinwu jew ripetut, mill-jum li fih dan intemm, din id-dispożizzjoni la għandha l-għan u lanqas l-effett li ċċaħħad lill-Kummissjoni mis-setgħa tagħha li tissanzjona ksur ieħor differenti minn dak kopert mill-preskrizzjoni. Barra minn hekk, mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1/2003 jirriżulta li l-fatt li l-Kummissjoni ma għandhiex iktar is-setgħa li timponi sanzjonijiet fuq l-awturi tal-imsemmi ksur minħabba l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ma jipprekludix, fih innifsu, l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tikkonstata li dan twettaq, bla ħsara,

madankollu, li l-Kummissjoni turi, f'każ bħal dan, interess leġittimu li tieħu deċiżjoni li tikkonstata tali ksur. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tibqa' kompetenti, sakemm turi interess leġittimu, li tikkonstata ksur preskritt. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-preskrizzjoni tas-setgħat ta' sanzjoni tal-Kummissjoni ma tistax tkun ekwivalenti għan-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-istituzzjoni.

136 Air Canada lanqas ma tista' validament tinvoka l-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament li jirriżulta mill-fatt li l-pożizzjoni proċedurali tagħha stess ma hijiex differenti minn dik tat-trasportaturi bl-ajru li rebħu l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali billi sostnew li l-azzjoni tal-Kummissjoni kienet parzjalment preskritta. Peress li l-motiv ibbażat fuq il-preskrizzjoni ma huwiex wieħed ta' ordni pubbliku u li hija l-impriża kkonċernata li għandha tqajjem dan il-motiv, il-fatt li l-Qorti Ġenerali kkonstatat il-preskrizzjoni fir-rigward tal-impriżi li qajmu quddiemha dan il-motiv, ma jistax jikkostitwixxi differenza fit-trattament inġustifikata għad-detriment ta' Air Canada. Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li tallega din tal-aħħar, din id-differenza fit-trattament tirriżulta esklużivament miċ-ċirkustanza oġġettiva li hija naqset milli tinvoka l-motiv ibbażat fuq l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni, minkejja li hija setgħet tagħmel dan taħt l-istess kundizzjonijiet bħat-trasportaturi bl-ajru l-oħra li invokawh (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2017, British Airways vs Il-Kummissjoni, C-122/16 P, EU:C:2017:861, punt 98).

137 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat mill-Avukat Ġenerali fil-punti 164 u 165 tal-konklużjonijiet tiegħu, in-natura ta' ordni pubbliku allegat tal-motiv ibbażat fuq il-preskrizzjoni tas-setgħat ta' sanzjoni tal-Kummissjoni ma jistax jiġi dedott mill-fatt li l-multi imposti skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 għandhom jiġu kklassifikati bħala "kriminali" fis-sens tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950. Fil-fatt, tali klassifikazzjoni ma timplikax, waħedha, li l-preskrizzjoni tas-setgħa ta' sanzjoni tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003, isegwi għan ta' interess pubbliku li jmur lil hinn mill-protezzjoni tal-impriżi kkonċernati.

138 Din l-allegata natura ta' ordni pubbliku tal-motiv ibbażat fuq l-iskadenza tat-terminu previst fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 lanqas ma tista' tiġi dedotta mill-fatt li terminu ta' preskrizzjoni għandu l-funzjoni li jiżgura ċ-ċertezza legali u li, għaldaqstant, għandu jiġi assimilat ma' terminu ta' proċedura skont il-ġurisprudenza stabbilita, invokata minn Air Canada li tipprovdi li t-terminu għall-preżentata ta' rikors previst fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE huwa ta' ordni pubbliku, b'tali mod li hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tivverifika, *ex officio*, jekk ġiex osservat.

139 Fil-fatt, it-termini proċedurali ġew stabbiliti sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, iċ-ċarezza kif ukoll iċ-ċertezza tas-sitwazzjonijiet legali. Għalhekk, b'mod partikolari, it-termini għall-preżentata ta' rikors, bħal dak previst fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, u t-terminu għall-preżentata ta' appell, bħal dak previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, huma intiżi li jiżguraw li d-deċiżjonijiet amministrattivi u ġudizzjarji jiksbu natura definittiva, u għalhekk sabiex jipproteġu interessi pubbliċi (sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, C-469/11 P, EU:C:2012:705, punt 50). Issa, dan ma huwiex il-każ tat-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 li, kif ġie indikat fil-punt 131 ta' din is-sentenza, huwa intiż prinċipalment sabiex jiżgura l-protezzjoni tal-impriżi kkonċernati. Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li terminu ta' preskrizzjoni għandu l-funzjoni li jiżgura

ċ-ċertezza legali ma jistax jiġġustifika li dan jiġi assimilat ma' terminu proċedurali, peress li dawn iż-żewġ termini huma min-natura tagħhom differenti (sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, C-469/11 P, EU:C:2012:705, punt 49).

140 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni tas-setgħa ta' sanzjoni tal-Kummissjoni, prevista fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003, ma tikkostitwixxix motiv ta' ordni pubbliku li l-Qorti Ġenerali kellha tqajjem *ex officio*.

141 Għaldaqstant, it-tielet aggravju huwa infondat.

Fuq it-tieni aggravju, dwar l-imputazzjoni lil Air Canada tar-responsabbiltà għall-ksur imwettaq fuq ir-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera

L-argumenti tal-partijiet

142 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, Air Canada ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta żammitha responsabbli għall-ksur uniku u kontinwu sa fejn dan il-ksur kien jirrigwarda r-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, minkejja li hija qatt ma operat jew qatt ma setgħet topera legalment tali rotot.

143 Dan l-aggravju jinkludi, essenzjalment, erba' partijiet.

144 Permezz tal-ewwel parti, Air Canada ssostni li l-Qorti Ġenerali ssostitwixxiet, b'mod żbaljat, il-motivazzjoni tagħha għal dik tad-Deċiżjoni kontenzjuża, filwaqt li kkonfermat il-konklużjoni ta' din id-deċiżjoni li tipprovdi li hija kienet ipparteċipat fi ksur uniku u kontinwu.

145 Fil-premessa 890 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni esponiet li l-kuntatti li jikkonċernaw rotot li t-trasportaturi qatt ma kienu operaw jew li ma setgħux joperaw legalment setgħu wkoll ikunu rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwu. Hija kienet ippreċiżat ukoll, f'din il-premessa, li l-evalwazzjoni tagħha kienet tirriżulta mill-fatt li ebda ostakolu insormontabbli ma kien jipprekludi lill-partijiet milli jipprovdu servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru fuq dawn ir-rotot u kienet iċċitat il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-20 ta' Jannar 2016, Toshiba Corporation vs Il-Kummissjoni (C-373/14 P, EU:C:2016:26).

146 Issa, fil-punti 366 sa 377 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali bbażat l-evalwazzjoni tagħha mhux fuq din l-aħħar ġurisprudenza, dwar in-nuqqas ta' ostakolu insormontabbli li jeskludi kull kompetizzjoni potenzjali fis-suq ikkonċernat, iżda fuq raġunament ġdid li ma kienx jinsab fid-Deċiżjoni kontenzjuża, ibbażat fuq il-fatt li l-eżistenza ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn l-impriżi kkonċernati ma hijiex kundizzjoni sabiex impriża tinżamm responsabbli għal aġir antikompetittiv li jikkostitwixxi ksur uniku u kontinwu.

147 Permezz tat-tieni parti, Air Canada issostni li, billi bbażat ruħha fuq ġurisprudenza u analiżi li ma jinsabux fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet tad-difiża tagħha, peress li hija ma tpoġġietx f'pożizzjoni li tippreżenta osservazzjonijiet dwar il-pożizzjoni l-ġdida tal-Kummissjoni, li l-Qorti Ġenerali adottat fis-sentenza appellata.

148 Permezz tat-tielet parti, li tirrigwarda b'mod partikolari l-punt 377 tas-sentenza appellata, Air Canada tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma pprovdietx raġunijiet xierqa u suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-analiżi tagħha li l-Kummissjoni setgħet iżżommha responsabbli għall-komponenti

tal-ksur uniku u kontinwu fuq rotot li hija ma setgħetx topera. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, dwar ir-rekwiżit ta' motivazzjoni tas-sentenzi, u l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

149 Permezz tar-raba' parti, Air Canada ssostni li l-Qorti Ġenerali, fi kwalunkwe każ, wettqet żball ta' liġi meta affermat b'mod ġenerali li l-eżistenza ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni ma hijiex rilevanti fil-kuntest ta' kwalunkwe ksur uniku u kontinwu, filwaqt li s-sentenzi ċċitati mill-Qorti Ġenerali fil-punti 366 sa 376 tas-sentenza appellata, minn naħa, ma jippermettux li tiġi ġġustifikata konklużjoni daqstant ġenerali u, min-naħa l-oħra, ingħataw f'kawżi fejn il-kriterju tan-nuqqas ta' ostakolu insormontabbli ma kienx diskuss.

150 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti kollha.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

151 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE jista' jirriżulta mhux biss minn att individwali, iżda wkoll minn sensiela ta' atti jew minn aġir kontinwu, anki fil-każ li wieħed jew iktar minn dawn l-elementi ta' din is-sensiela ta' atti jew ta' dan l-aġir kontinwu jistgħu jikkostitwixxu, fihom innifishom u individwalment, ksur tal-imsemmija dispożizzjoni. Għalhekk, meta azzjonijiet differenti jagħmlu parti minn "pjan globali", minħabba l-għan identiku tagħhom li tinħoloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni għandha d-dritt li timputa r-responsabbiltà ta' dawn l-azzjonijiet fuq il-bażi tal-parteċipazzjoni fil-ksur ikkunsidrat fl-intier tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens, C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-27 ta' Ġunju 2024, Servier *et* vs Il-Kummissjoni, C-201/19 P, EU:C:2024:552, punt 240).

152 Impriża li tkun ipparteċipat f'tali ksur uniku u kontinwu permezz ta' aġir li kien speċifiku għaliha, li jaqa' taħt il-kunċetti ta' ftehim jew ta' prattika miftiehma li jkollhom għan antikompetittiv fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE u li kien intiż li jikkontribwixxi sabiex jitwettaq il-ksur fl-intier tiegħu, tista' tkun responsabbli wkoll għal aġir implimentat minn impriżi oħra fil-kuntest tal-istess ksur għall-perijodu kollu tal-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmi ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens, C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-27 ta' Ġunju 2024, Servier *et* vs Il-Kummissjoni, C-201/19 P, EU:C:2024:552, punt 241).

153 Sabiex tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni ta' impriża fl-implimentazzjoni ta' tali ksur uniku, il-Kummissjoni għandha turi li din l-impriża kellha l-intenzjoni tikkontribwixxi permezz tal-aġir tagħha stess għall-għanijiet komuni mfittxija mill-parteċipanti kollha u li hija kienet taf bl-aġir li jikkostitwixxi ksur previst jew implimentat minn impriżi oħra sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet, jew li hija setgħet raġonevolment tipprevedih u li hija kienet lesta taċċetta r-riskju ta' dan (sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens, C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-1 ta' Frar 2024, Scania *et* vs Il-Kummissjoni, C-251/22 P, EU:C:2024:103, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata).

154 Għalhekk, impriża tista' tkun ipparteċipat direttament fl-aġir antikompetittiv kollu li jikkostitwixxi l-ksur uniku u kontinwu, f'liema każ il-Kummissjoni tista' timputa fil-konfront tagħha r-responsabbiltà għal dan l-aġir kollu, u għalhekk għal dan il-ksur kollu fl-intier tiegħu. Impriża tista' wkoll tkun ipparteċipat direttament biss f'parti mill-imsemmi aġir, iżda kienet taf

bl-aġir illegali kollu l-ieħor previst jew implimentat mill-parteċipanti l-oħra fl-akkordju sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet, jew setgħet raġonevolment tipprevedih u kienet lesta li taċċetta r-riskju. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha wkoll dritt timputa lil din l-impriża r-responsabbiltà tal-aġir antikompetittiv kollu li jikkostitwixxi tali ksur u, sussegwentement, tal-ksur kollu kemm hu (sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens, C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 43, kif ukoll tal-1 ta' Frar 2024, Scania *et* vs Il-Kummissjoni, C-251/22 P, EU:C:2024:103, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata).

155 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 371 sa 374 u 376 tas-sentenza appellata, fakkret, essenzjalment, l-elementi ġurisprudenzjali msemmija fil-punti 151 sa 154 ta' din is-sentenza, qabel ma identifikat il-motivi li għalihom il-Kummissjoni kienet żammet lil Air Canada responsabbli għall-ksur uniku u kontinwu sa fejn dan kien jikkonċerna r-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera u eżaminat il-fondatezza tagħhom.

156 F'dan ir-rigward, sa fejn għandha x'taqsam l-ewwel parti, ibbażata fuq sostituzzjoni tal-motivi, għandu jiġi kkonstatat li, sabiex tiċħad il-motiv li jikkritika lill-Kummissjoni li wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi meta żammet lil Air Canada responsabbli għall-ksur uniku u kontinwu fuq ir-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, il-Qorti Ġenerali ma ssostitwixxietx l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni.

157 Fil-fatt, fil-punti 161 u 162 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kienet fakkret li impriża setgħet, taħt ċerti kundizzjonijiet, tinżamm responsabbli għal ksur uniku u kontinwu kollu kemm hu, minkejja li hija ma kinitx ipparteċipat direttament fl-elementi kostituttivi kollha tiegħu, u kkonkludiet li kien hemm ksur uniku u kontinwu, li jinkludi b'mod partikolari r-rotot kollha kkonċernati, billi qieset li l-kuntatti kontenzjuži kienu intiżi sabiex jintlaħaq l-għan uniku segwit mill-persuni responsabbli, fil-kuntest ta' pjan globali.

158 Wara li analizzat, fil-punti 162 u 164 ta' din is-sentenza, il-premessi 869 sa 902 u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, hija qieset, fil-punt 165 tal-imsemmija sentenza, li "kien faċli għal [Air Canada] li tifhem – u biex [hija stess] tikkontrolla – li [kien] minħabba li dan it-trasportatur kellu l-intenzjoni li jikkontribwixxi għall-pjan globali li jsegwi l-għan antikompetittiv komuni deskritt fil-premessi 872 sa 876 ta' [din id-deċiżjoni] u kellu għarfien (ipprovat jew preżunt) tal-aġir illegali tat-trasportaturi inkriminati l-oħra li fih hija ma [kinitx] ipparteċipat direttament, li l-Kummissjoni [kienet] żammitha responsabbli għall-ksur uniku u kontinwu, inkluż sa fejn dan kien jikkonċerna r-rotot fl-Unjoni u Unjoni-Svizzera".

159 Bl-istess mod, filwaqt li rreferiet b'mod partikolari għal dawn il-punti 161 u 162, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 378 tal-istess sentenza, li "[kien] minħabba li [Air Canada] kellha l-intenzjoni, indipendentement mill-kwalità tagħha ta' kompetitriċi potenzjali fuq ir-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, li tikkontribwixxi għall-pjan globali li jsegwi għan antikompetittiv komuni […] u kellha għarfien (ipprovat jew preżunt) tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tat-trasportaturi inkriminati l-oħra li fih hija ma ppartecipatx direttament, li l-Kummissjoni [kienet] imputat lilha r-responsabbiltà għall-ksur uniku u kontinwu, inkluż sa fejn dan kien jikkonċerna r-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera".

160 Il-Qorti Ġenerali żiedet, fil-punt 379 tas-sentenza appellata, li mill-premessa 890 tad-Deċiżjoni kontenzjuża ma setax jiġi dedott "li l-Kummissjoni [kellha] l-intenzjoni li tattribwixxi lil [Air Canada] ir-responsabbiltà għall-ksur uniku u kontinwu sa fejn dan kien jikkonċerna r-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera abbażi tal-kwalità tagħha ta' kompetitriċi potenzjali fuq dawn

tal-aħħar", peress li "[kien] jirriżulta kemm mill-formulazzjoni tagħha kif ukoll mill-għan tagħha u mill-kuntest li fih [kienet] tidħol li l-imsemmija premessa ma [kinitx] tikkonċerna r-responsabbiltà tad-diversi trasportaturi inkriminati għall-ksur uniku u kontinwu, iżda l-eżistenza ta' dan [il-ksur uniku u kontinwu]".

161 B'dan il-mod, mill-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li, sabiex Air Canada tinżamm responsabbli għall-ksur uniku u kontinwu sa fejn dan kien jirrigwarda r-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, il-Kummissjoni bbażat ruħha, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, mhux fuq in-nuqqas ta' ostakolu insormontabbli għad-dħul ta' Air Canada fis-swieq ikkonċernati, iżda fuq il-fatt li din l-impriża kienet ikkontribwixxiet, permezz tal-aġir tagħha stess, għall-għanijiet komuni mfittxija mill-parteċipanti kollha u fuq il-fatt li hija kienet taf bl-aġir li jikkostitwixxi ksur tat-trasportaturi l-oħra indirettament.

162 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għall-argument imressaq minn Air Canada insostenn tal-ewwel parti, il-Qorti Ġenerali ma ssostitwixxietx il-motivazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni.

163 Fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-argument ta' Air Canada li, fil-punti 366 sa 377 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq ġurisprudenza u analiżi li ma kinux jinsabu fid-Deċiżjoni kontenzjuża, għandu jiġi kkonstatat li l-ġurisprudenza ċċitata f'dawn il-punti jew issemmiet fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1311 taħt il-premessa 867 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, jew kienet diskussa minn Air Canada fir-replika tagħha. Issa, kif tfakkar fil-punt 85 ta' din is-sentenza, meta l-Qorti Ġenerali tillimita ruħha li tirrispondi għall-argumenti li jkunu tressqu quddiemha mill-partijiet, ma jistax jitqies li hija tissostitwixxi l-motivazzjoni tagħha għal dik tal-awtur tal-att ikkontestat quddiemha.

164 Fir-rigward tat-tieni parti, ibbażata fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li din hija bbażata fuq premessa żbaljata peress li, kuntrarjament għal dak li ssostni Air Canada, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx sostituzzjoni tal-motivi billi bbażat ruħha fuq argument ġdid li tressaq mill-Kummissjoni fil-mori tal-kawża. Għaldaqstant, din il-parti għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

165 Fir-rigward tat-tielet parti, ibbażata fuq difett ta' motivazzjoni, sa fejn il-Qorti Ġenerali ma esponietx il-motivi li għalihom il-prinċipji li hija qieset japplikaw għall-fatti tal-każ u li wassluha sabiex tqis li l-Kummissjoni setgħet iżżomm lil Air Canada responsabbli għall-ksur uniku u kontinwu, inkluż fir-rigward tar-rotot li dan it-trasportatur ma setax jopera, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali, kif diġà ssemma fil-punt 159 ta' din is-sentenza, irrilevat, fil-punt 378 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni, sabiex timputa lil Air Canada r-responsabbiltà għall-ksur uniku u kontinwu, inkluż sa fejn dan kien jikkonċerna dawn ir-rotot, kienet ibbażat ruħha fuq il-kontribuzzjoni ta' din l-impriża għall-pjan globali li jsegwi għan antikompetittiv komuni u fuq l-għarfien tagħha tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tat-trasportaturi inkriminati l-oħra.

166 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali wriet b'mod ċar li r-responsabbiltà ta' Air Canada għar-rotot li hija ma setgħetx topera fuqhom kienet tirriżulta mhux mill-parteċipazzjoni diretta ta' dan it-trasportatur fil-ksur fuq dawn ir-rotot, iżda mill-parteċipazzjoni indiretta tiegħu fih, minħabba l-għarfien tiegħu tal-aġir illegali l-ieħor previst jew implimentat mill-parteċipanti l-oħra fl-akkordju inkwistjoni sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet.

167 Huwa għalhekk b'mod żbaljat li Air Canada tinvoka difett ta' motivazzjoni.

168 Fl-aħħar nett, ir-raba' parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, f'dan il-każ, li l-eżistenza ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni ma kinitx rilevanti sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tal-ksur uniku u kontinwu, filwaqt li l-ġurisprudenza li tirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Duravit *et* vs Il-Kummissjoni (C-609/13 P, EU:C:2017:46), ma hijiex applikabbli f'din il-kawża, peress li l-imsemmija ġurisprudenza hija limitata għall-fatti u għaċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ u ma tistax tiġi applikata b'mod assjomatiku u ġenerali, għandu jiġi kkonstatat li Air Canada ma tipproduċi ebda prova ta' natura li turi kif din il-kawża hija differenti minn dik li tat lok għal din is-sentenza, li fil-punt 124 tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-eżistenza ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn l-impriżi parteċipanti ma hijiex kundizzjoni għall-klassifikazzjoni tal-aġir antikompetittiv bħala ksur uniku u kontinwu. Peress li din l-evalwazzjoni ma hijiex marbuta mal-livell ta' gravità tal-ksur, Air Canada ma tistax tinvoka n-natura allegatament "inqas gravi u spekulattiva ħafna" tal-ksur uniku u kontinwu inkwistjoni f'din il-kawża. Hija lanqas ma tista' tipprevalixxi ruħha mill-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni kemm *ratione materiae* kif ukoll dak ġeografiku ta' dan l-aħħar ksur huwa usa' minn dak tal-ksur uniku u kontinwu inkwistjoni fil-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza.

169 Barra minn hekk, sa fejn Air Canada issostni li hija biss "kontribuzzjoni attiva" tal-impriża għall-ksur jew il-prova li l-impriża kellha "rwol essenzjali" fih li tippermetti li tiġi kkonstatata r-responsabbiltà tagħha minħabba l-kontribuzzjoni tagħha għall-pjan globali b'għan komuni, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita sew, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni turi li l-impriża kkonċernata pparteċipat f'laqgħat li matulhom ġew konklużi ftehimiet ta' natura antikompetittiva, mingħajr ma opponiethom manifestament, sabiex tipprova suffiċjentement il-parteċipazzjoni ta' din l-impriża fl-akkordju. Ladarba tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni f'tali laqgħat, hija l-imsemmija impriża li għandha tipproduċi provi ta' natura li jistgħu juru li l-parteċipazzjoni tagħha f'dawn il-laqgħat kienet nieqsa minn kull għan antikompetittiv, billi turi li hija kienet indikat lill-kompetituri tagħha li hija kienet qed tipparteċipa fl-imsemmija laqgħat fi spirtu differenti minn tagħhom (sentenza tal-1 ta' Frar 2024, Scania *et* vs Il-Kummissjoni, C-251/22 P, EU:C:2024:103, punt 99 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

170 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li, meta l-Kummissjoni turi li l-impriża kkonċernata tkun pparteċipat f'laqgħat li matulhom ġew konklużi ftehimiet ta' natura antikompetittiva, mingħajr ma opponiethom manifestament, din l-istituzzjoni ma għandhiex, barra minn hekk, tipprova li din l-impriża kellha l-intenzjoni li tipparteċipa fil-ksur, iżda li hija din l-impriża li għandha tipproduċi l-provi tat-tbegħid tagħha minn dawn il-ftehimiet, u b'mod partikolari, mill-portata ġeografika tagħhom (sentenza tal-1 ta' Frar 2024, Scania *et* vs Il-Kummissjoni, C-251/22 P, EU:C:2024:103, punt 101).

171 F'dan il-każ, fil-punt 382 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fir-rigward tal-attivitajiet antikompetittivi relatati mar-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera li fihom hija ma kinitx ipparteċipat direttament, Air Canada ma kkontestatx, fil-kuntest tat-tielet motiv tagħha mqajjem quddiemha, li hija kellha l-għarfien meħtieġ tagħhom.

172 Hija żiedet, fil-punt 384 ta' din is-sentenza, li mid-Deċiżjoni kontenzjuża kien jirriżulta li Air Canada kellha l-intenzjoni tikkontribwixxi, permezz tal-aġir tagħha stess, għat-twettiq tal-għan antikompetittiv uniku, li jikkonsisti fir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi inkriminati fuq is-sovrataxxi tal-inqas fl-Unjoni, fiż-ŻEE u fl-Isvizzera, peress li Air Canada "mhux biss [kienet] ħeġġet il-kontinwazzjoni tal-ksur uniku u kontinwu u kkompromettiet l-iskoperta tiegħu billi naqset milli titbiegħed pubblikament mill-kontenut tal-kuntatti dwar ir-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera li fihom [kienet] ipparteċipat jew milli tirrapportahom lill-entitajiet amministrattivi kompetenti, iżda [kienet] ukoll, billi kkoordinat is-sovrataxxi u

r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet fuq ir-rotot ŻEE-pajjiżi terzi, ikkontribwixxiet sabiex tiżgura li l-burdnara ma jkunux jistgħu jevitaw il-ħlas ta' sovrataxxi fuq rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera bl-użu ta' itinerarji alternattivi b'mod partikolari permezz tal-Kanada u, konsegwentement, għat-twettiq tal-għan antikompetittiv komuni".

173 Peress li kkonstatat li l-kundizzjonijiet għall-imputazzjoni tal-ksur uniku u kontinwu lil Air Canada kienu ssodisfatti, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta minn dan iddeduċiet li l-Kummissjoni kellha raġun iżżomm lil Air Canada responsabbli għall-ksur uniku u kontinwu sa fejn dan kien jirrigwarda r-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, indipendentement mill-eventwali kwalità tagħha ta' kompetitriċi potenzjali fuq dawn ir-rotot.

174 Għalhekk, ir-raba' parti hija infondata.

175 Għaldaqstant, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

176 Peress li ebda wieħed mill-aggravji mqajma minn Air Canada insostenn tal-appell tagħha ma ntlaqa', dan tal-aħħar għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

177 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell jiġi miċħud, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

178 Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura, li, bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-imsemmija Regoli tal-Proċedura, japplika għall-proċedura ta' appell, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, sakemm dawn ikunu ntalbu.

179 Billi l-Kummissjoni talbet li Air Canada tiġi kkundannata għall-ispejjeż u billi l-aggravji tagħha ma ntlaqgħux, hija għandha tiġi kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Air Canada hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem